



The EU Framework Programme  
for Research and Innovation

# HORIZON 2020



## MUDELL TAL-FTEHIM TA' GĦOTJA GĦAL ĦAFNA BENEFIĊJARJI GĦALL-FAŻI 1 TAL-ISTRUMENT TAL-SMEs (SME-Ph1)

Verżjoni 1.0  
11 ta' Diċembru 2013

### Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti l-applikanti għall-finanzjament Orizzont 2020 . Juri l-firxa sħiħa ta' dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu applikati għal dan it-tip ta' ftehim ta' għotja, u huwa pprovdut biss għall-finijiet ta' informazzjoni. Il-ftehim tal-għotja legalment vinkolanti se jkun dak iffirmit mill-partijiet għal kull azzjoni.

Research and  
Innovation

MT



[IL-KUMMISSJONI EWROPEA/Aġenzija Eżekuttiva]

DĠ

Direttorat

Unità

## MUDELL ĠENERALI TAL-FTEHIM TA' GĦOTJA GĦAL ĦAFNA BENEFIĊJARJI GĦALL-EWWEL FAŻI TAL-ISTRUMENT TAL-SMEs<sup>1</sup>

### Rimarka introduttoria għall-pubblikazzjoni fil-Portal tal-Parteċipanti biss

Il-Mudell Ġenerali tal-Ftehim għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs ivarja mill-Mudell Ġenerali tal-Ftehim fl-Artikoli li ġejjin:

- L-Artikolu 4 Baġit stmat tal-azzjoni
- L-Artikolu 5 Ammont massimu tal-għotja, forma tal-għotja u rata ta' rimborż
- L-Artikolu 6 Forum tal-ispejjeż speċifiċi għas-somma f'daqqa
- L-Artikolu 7 Dispożizzjoni speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 8, 12, 14, 15, 16, 23a-33, 37, 39 (mhux applikabbli)
- L-Artikolu 10 Dispożizzjoni għax-xiri speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 13 Dispożizzjoni dwar is-sottokuntrattar speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 18 Dispożizzjoni għaż-żamma tar-rekords speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 20 Dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar speċifiċi għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 21 Dispożizzjonijiet dwar il-pagament speċifiċi għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 36 Dispożizzjoni dwar il-kunfidenzjalità speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 38 Dispożizzjoni dwar il-promozzjoni tal-azzjoni speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 42 Dispożizzjoni għas-somma f'daqqa speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Artikolu 50 Dispożizzjoni għas-somma f'daqqa speċifika għall-Ewwel Fażi tal-istrument tal-SMEs
- L-Anness 2 Mudell għall-baġit stmat għall-azzjoni
- L-Anness 4 Mudell għad-dikjarazzjoni finanzjarja

<sup>1</sup> L-għotjiet tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs jiffinanzjaw lil impriżi żgħar u medji ('SMEs') li jistħarrġu l-fattibbiltà u l-potenzjal kummerċjali u l-vijabbiltà ta' ideat rivoluzzjonarji ġodda (prova tal-kunċett) (prodotti, proċessi, servizzi u teknoloġiji ġodda ta' applikazzjonijiet ta' teknoloġiji eżistenti).

- Footnotes **in yellow** will appear in the text generated by the IT system for signature (since they contain definitions or references to legal documents). The other footnotes will not stay in the text (since they are internal instructions only).
- Text in **grey** indicates that text which figures in the Multi-beneficiary General MGA is mhux applikabbli.
- For options [*in italics, in square brackets*]: the applicable option must be chosen in the IT system. Options not chosen will automatically either not appear or appear as 'mhux applikabbli'. Options chosen will appear *in italics* without brackets and without the Option title (to allow beneficiaries to easily spot that a specific rule applies).
- For fields in [**grey in square brackets**] (even if they are part of an option as specified in the previous item): enter the appropriate data in the IT system.
- The IT system will generate a data sheet confirming the options chosen and the data entered.
- Information on formatting:  
styles
  - CHAPTER style 'Chapter'
  - SECTION style 'Section'
  - SUBSECTION style 'Subsection'
  - ARTICLE 1 style 'Article'
  - 4.1 Estimated budget style 'Subarticle'
  - Text (without list) style 'Normal'
  - Table of Content levels (black) style 'TOC 1', 'TOC 2', 'TOC 3', 'TOC 4', 'TOC 5'
  - Footnotes: Paragraph - special (hanging 0,5) ('Times New Roman', '10 pt')

attention: text with a list must be formatted manually ('Times New Roman', '12 pt', 'Justified')

## FTEHIM TA' GĦOTJA

NUMRU [daħħal numru] — [daħħal akronimu]

Dan il-Ftehim ('il-Ftehim') huwa **bejn** il-partijiet li ġejjin:

**minn naħa waħda,**

*[OPZJONI 1: l-Unjoni Ewropea ('l-UE', rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni')<sup>2</sup>,]*

*[OPZJONI 2: il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ('Euratom'), rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni'),]*

*[OPZJONI 3: l-[Aġenzija Ewropea għar-Riċerka (REA)] [Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)] [Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)] [Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)] ('l-Aġenzija'), skont is-setgħat delegati mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni'),]*

<sup>2</sup> Il-kitba fil-korsiv turi l-opzjonijiet tal-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja li japplikaw għal dan il-Ftehim.

Numru tal-Ftehim ta' għotja: [daħħal numru] [daħħal akronimu] [daħħal identifikatur tas-sejħa għas-sejħa prinċipali]

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

rappreżentata għall-finijiet tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim minn [[funzjoni, [Direttorat Ġenerali, Direttorat, Unità] [Dipartiment]], [isem u kunjom],<sup>3</sup>

u

**min-naħa l-oħra,**

1. 'il-koordinatur':

[**isem uffiċjali sħiħ (isem fil-qosor)**][forma legali], [Nru tar-reġistrazzjoni uffiċjali], stabbilit fi [indirizz uffiċjali sħiħ], [numru tal-VAT], rappreżentat għall-finijiet tal-iffirmar tal-Ftehim minn [funzjoni, isem u kunjom]

u l-benefiċjarji l-oħra li ġejjin, jekk jiffirmaw il-Formola ta' Adeżjoni tagħhom' (ara l-Anness 3 u l-Artikolu 56):

2. [**isem uffiċjali sħiħ (isem imqassar)**][forma legali], [Nru tar-reġistrazzjoni uffiċjali], stabbilit fi [indirizz uffiċjali sħiħ] [numru tal-VAT],

**[OPZJONI għal benefiċjarji li mhumiex jirċievu finanzjament mill-UE: X. [isem uffiċjali sħiħ (isem imqassar)] [forma legali], [Nru tar-reġistrazzjoni uffiċjali], stabbilit fi [indirizz uffiċjali sħiħ] [numru tal-VAT], bħala 'benefiċjarju li mhuwiex jirċievi finanzjament mill-UE' (ara l-Artikolu 9),]**

[l-istess għal kull benefiċjarju]

**[OPZJONI jekk il-JRC ikun benefiċjarju: u X. iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) stabbilit fi [isem uffiċjali sħiħ], jekk jiffirma l-arranġament amministrattiv (ara l-Anness 3b)].**

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, referenzi għal 'benefiċjarju' jew 'benefiċjarji' jinkludu l-koordinatur **[OPZJONI jekk il-JRC jipparteċipa: u iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)].**

Il-partijiet imsemmija hawn fuq qablu li jidħlu fil-Ftehim skont it-termini u l-kundizzjonijiet ta' hawn taħt.

Billi jiffirma l-Ftehim jew il-Formola ta' Adeżjoni **[OPZJONI jekk il-JRC ikun benefiċjarju: jew il-ftehim amministrattiv]**, il-benefiċjarji jaċċettaw l-għotja u jaqblu li jimplementaw l-azzjoni taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess u skont il-Ftehim, bl-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha li jistabbilixxi.

Il-Ftehim huwa magħmul minn:

Termini u Kundizzjonijiet

Anness 1 Deskrizzjoni tal-azzjoni

<sup>3</sup> Il-persuna li tirrappreżenta lill-[Kummissjoni][Aġenzija] trid tkun uffiċjal awtorizzanti (b'delega jew sottodelega) maħtur skont id-dokument 60008 tat-22.02.2001 'Mise en place de la Charte des ordonnateurs'.

Anness 2 Baġit stmat tal-azzjoni

Anness 3 Formoli ta' Adeżjoni

*[OPZZJONI li għandha tintuża jekk japplika l-Artikolu 14 u jekk tkun intalbet responsabbiltà konġunta jew diversa mill-[Kummissjoni][Aġenzija]: 3a Dikjarazzjoni dwar ir-responsabbiltà konġunta jew diversa ta' Partijiet Terzi Konnessi]*

*[OPZZJONI jekk jipparteċipa l-JRC: 3b Arranġament amministrattiv]*

Anness 4 Mudell ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji

Anness 5 Mhux applikabbli

Anness 6 Mhux applikabbli

## TERMINI U KUNDIZZJONIJIET

### WERREJ

<b>KAPITOLU 1 ĠENERALI.....</b>	<b>10</b>
ARTIKOLU 1 — SUĠĠETT TAL-FTEHIM.....	10
<b>KAPITOLU 2 AZZJONI .....</b>	<b>10</b>
ARTIKOLU 2 — AZZJONI LI TRID TIĠI IMPLIMENTATA [— GĦOTJA KOMPLIMENTARIJ] [— AZZJONI FFINANZJATA B'MOD KONĠUNT] .....	10
ARTIKOLU 3 — ID-DURATA U D-DATA TAL-BIDU TAL-AZZJONI.....	10
ARTIKOLU 4 — IL-BAĠIT STMAT U T-TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT .....	10
4.1 Baġit stmat .....	10
4.2 Trasferimenti fil-baġit.....	10
<b>KAPITOLU 3 GĦOTJA .....</b>	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
ARTIKOLU 5 — L-AMMONT TAL-GĦOTJA, IL-FORMA TAL-GĦOTJA, IR-RATI TA' RIMBORŻ U L-FOROM TAL-ISPEJJEŻ.....	11
5.1 Ammont massimu tal-għotja.....	11
5.2 Il-forma tal-għotja, ir-rata ta' rimborż u l-forma tal-ispejjeż .....	11
5.3 Ammont finali tal-għotja — Kalkolu .....	11
5.4 Ammont finali rivedut tal-għotja — Kalkolu.....	12
ARTIKOLU 6 — SPEJJEŻ ELIĠIBBLI U MHUX ELIĠIBBLI .....	12
6.1 Spejjeż eliġibbli .....	12
6.2 Spejjeż ineliġibbli .....	12
6.3 Konsegwenzi tad-dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli .....	12
<b>KAPITOLU 4 DRITTIJIET U OBBLIGI TAL-PARTIJIET .....</b>	<b>Error! Bookmark not defined.</b>

**TAQSIMA 1 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI**  
.....**Error! Bookmark not defined.**

ARTIKOLU 7 — OBBLIGU ĠENERALI TA' IMPLIMENTAZZJONI KORRETTA TAL-AZZJONI  
..... 13

7.1 Obbligu ġenerali ta' implimentazzjoni korretta tal-azzjoni..... 13

7.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 13

ARTIKOLU 8 — RIŻORSI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI..... 13

ARTIKOLU 9 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN BENEFIĊJARJI LI  
MA JIRĊEVUX FINANZJAMENT MILL-UE..... 13

9.1 Regoli għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta' azzjoni mill-imsieħba li mhumiex qed jirċievu  
finanzjament mill-UE ..... 13

9.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 14

ARTIKOLU 10 — XIRI TA' PRODOTTI, XOGĦLIJET JEW SERVIZZI ..... 14

10.1 Regoli għax-xiri ta' prodotti, xogħlijet jew servizzi ..... 14

10.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 14

ARTIKOLU 11 — UŻU TA' KONTRIBUZZJONIJIET IN NATURA PPROVDUTI MINN  
PARTIJIET TERZI KONTRA PAGAMENT .....**Error! Bookmark not defined.**

ARTIKOLU 12 — UŻU TA' KONTRIBUZZJONIJIET IN NATURA PPROVDUTI BLA  
PAGAMENT MINN PARTIJIET TERZI.....**Error! Bookmark not defined.**

ARTIKOLU 13 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN  
SOTTOKUNTRATTURI.....**Error! Bookmark not defined.**

13.1 Regoli għas-sottokuntrattar ta' kompiti tal-azzjoni..... 14

13.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 15

ARTIKOLU 14 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN PARTIJIET TERZI  
KONNESSI .....**Error! Bookmark not defined.**

ARTIKOLU 15 — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL PARTIJIET TERZI ..... 15

ARTIKOLU 16 — GĦOTI TA' AĊĊESS TRANSNAZZJONALI JEW VIRTWALI GĦALL-  
INFRASTRUTTURA TAR-RIĊERKA..... 15

**TAQSIMA 2 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-AMMINISTRAZZJONI TAL-GĦOTJA**  
..... 15

ARTIKOLU 17 — OBBLIGU ĠENERALI TA' GĦOTI TAL-INFORMAZZJONI ..... 15

17.1 Obbligu ta' għoti tal-informazzjoni meta tintalab..... 15

17.2 Obbligu li l-informazzjoni tinżamm aġġornata u li tingħata informazzjoni dwar avvenimenti  
u ċirkustanzi li x'aktarx ikunu ser jaffettwaw il-Ftehim..... 15

17.3 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 16

ARTIKOLU 18 — ŻAMMA TAR-REKORDS — DOKUMENTAZZJONI TA' SOSTENN .....**Error!**  
**Bookmark not defined.**

18.1 Obbligu li jinżammu r-rekords u dokumentazzjoni oħra ta' sostenn biex jiġu appoġġjati l-  
ispejjeż iddikjarati..... 16

18.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 17

ARTIKOLU 19 — SOTTOMISSJONI TAR-RIŻULTATI.....**Error! Bookmark not defined.**

19.1 Obbligu ta' sottomissjoni tar-riżultati ..... 17

19.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità..... 17

ARTIKOLU 20 — RAPPORTAR — TALBIET GĦAL PAGAMENT..**Error! Bookmark not defined.**

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

20.1	Obbligu ġenerali ta' sottomissjoni ta' rapporti.....	17
20.2	Il-perjodu tar-rapportar .....	17
20.3	Rapporti perjodiċi — Talbiet għal pagamenti interim .....	17
20.4	Rapport finali — Talba għal pagament tal-bilanċ .....	18
20.5	Informazzjoni dwar l-infiq kumulattiv imġarrab.....	18
20.6	Il-munita għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.....	18
20.7	Il-lingwa tar-rapport.....	19
20.8	Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità – Sospensjoni tad-data tal-iskadenza tal-pagament - Terminazzjoni.....	19
ARTIKOLU 21 — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENT .....		19
21.1	Pagamenti li jridu jsiru .....	19
21.2	Pagament ta' prefinanzjament — Ammont — Ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija. 19	
21.3	Pagamenti interim — Ammont — Kalkolu .....	20
21.4	Pagament tal-bilanċ — Ammont — Kalkolu — Rilaxx tal-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija.....	20
21.5	Notifika tal-ammonti dovuti.....	21
21.6	Il-munita għall-pagamenti.....	21
21.7	Pagamenti lill-koordinatur – Distribuzzjoni lill-benefiċjarji... <b>Error! Bookmark not defined.</b>	
21.8	Kont tal-bank għall-pagamenti.....	21
21.9	Spejjeż tat-trasferimenti tal-pagament .....	21
21.10	Data tal-pagament .....	22
21.11	Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	22
ARTIKOLU 22 — KONTROLLI, REVIŻJONIJIET, AWDITJAR U INVESTIGAZZJONIJIET — ESTENSIJONI TAS-SEJBIEIET .....		<b>Error! Bookmark not defined.</b>
22.1	Kontrolli, reviżjonijiet u awditjar mill-Kummissjoni [u l-Aġenzija] .....	23
22.2	Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).....	25
22.3	Kontrolli u awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) .....	25
22.4	Kontrolli, reviżjonijiet, awditjar u investigazzjonijiet għal organizzazzjonijiet internazzjonali .....	25
22.5	Konsegwenzi tas-sejbiet fil-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-awditjar u l-investigazzjonijiet — Estensjoni tas-sejbiet .....	26
22.6	Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	28
ARTIKOLU 23 — EVALWAZZJONI TAL-IMPATT TAL-AZZJONI <b>Error! Bookmark not defined.</b>		
23.1	Id-dritt li tevalwa l-impatt tal-azzjoni .....	28
23.2	Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	28
<b>TAQSIMA 3 DRITTIJIET U OBBLIGI RELATATI MAL-ISFOND U R-RIŻULTATI.....Error! Bookmark not defined.</b>		
SOTTOTAQSIMA 1 ĠENERALI..... <b>Error! Bookmark not defined.</b>		
ARTIKOLU 23a — ĠESTJONI TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI <b>Error! Bookmark not defined.</b>		
SOTTOTAQSIMA 2 DRITTIJIET U OBBLIGI RELATATI MAL-ISFOND <b>Error! Bookmark not defined.</b>		
ARTIKOLU 24 — FTEHIM DWAR L-ISFOND..... <b>Error! Bookmark not defined.</b>		

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

ARTIKOLU 25 — DRITTIJET TA' AĊĊESS GĦALL-ISFOND .....	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
SOTTOTAQSIMA 3 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAR-RIŻULTATI	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
ARTIKOLU 26 — SJIEDA TAR-RIŻULTATI .....	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
ARTIKOLU 27 — PROTEZZJONI TAR-RIŻULTATI — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE .....	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
ARTIKOLU 28 — UŻU TAR-RIŻULTATI.....	<b>Error! Bookmark not defined.</b>
ARTIKOLU 29 — DISSEMINAZZJONI TAR-RIŻULTATI — AĊĊESS MIFTUĦ — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE .....	30
ARTIKOLU 30 — TRASFERIMENT U GĦOTI TA' LIĊENZJA TAR-RIŻULTATI .....	30
ARTIKOLU 31 — DRITTIJET TA' AĊĊESS GĦAR-RIŻULTATI .....	30
<b>TAQSIMA 4 DRITTIJET U OBBLIGI OĦRA .....</b>	<b>30</b>
ARTIKOLU 32 — REKLUTAĠĠ U KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL GĦAR-RIĊERKATURI	30
ARTIKOLU 33 — L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI .....	30
ARTIKOLU 34 — L-ETIKA .....	30
34.1 Obbligu ġenerali ta' konformità mal-prinċipji etiċi .....	30
34.2 Attivitajiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet etiċi.....	31
34.3 Attivitajiet li jinvolve l-embrijuni umani jew iċ-ċelluli staminali embrijoniċi umani .....	31
34.4 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	31
ARTIKOLU 35 — KUNFLITT TA' INTERESSI.....	32
35.1 Obbligu li jiġi evitat kunflitt ta' interessi .....	32
35.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	32
ARTIKOLU 36 — KUNFIDENZJALITÀ.....	32
36.1 Obbligu ġenerali li tinżamm il-kunfidenzjalità .....	32
36.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	33
ARTIKOLU 37 — OBBLIGI RELATATI MAS-SIGURTÀ .....	33
ARTIKOLU 38 — PROMOZZJONI TAL-AZZJONI — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE .....	33
38.1 Attivitajiet ta' komunikazzjoni mill-benefiċjarji.....	33
38.2 Attivitajiet ta' komunikazzjoni mill-[Kummissjoni][Aġenzija] .....	33
38.3 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.....	34
ARTIKOLU 39 — L-IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI .....	34
ARTIKOLU 40 — ASSENJAZZJONIJIET TAT-TALBIET GĦAL PAGAMENT KONTRA L-[KUMMISSJONI][AĠENZJA].....	34
<b>KAPITOLU 5 DIVIŻJONI TAR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-BENEFIĊJARJI [— IR-RELAZZJONI MA' BENEFIĊJARJI KUMPLIMENTARI] [— IR-RELAZZJONI MAS-SĦAB F'AZZJONI KONĠUNTA].....</b>	<b>34</b>
ARTIKOLU 41 — DIVIŻJONI TAR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-BENEFIĊJARJI [— IR-RELAZZJONI MA' BENEFIĊJARJI KUMPLIMENTARI] [— IR-RELAZZJONI MAS-SĦAB F'AZZJONI KONĠUNTA].....	34
41.1 Rwol u responsabbiltà lejn il-[Kummissjoni][Aġenzija] .....	34
41.2 Diviżjoni interna tar-rwoli u r-responsabbiltajiet .....	35
41.3 Arranġamenti interni bejn il-benefiċjarji — Ftehim tal-konsorzju .....	36



H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

41.4	Ir-relazzjoni mal-benefiċjarji kumplimentari — Ftehim ta' kollaborazzjoni .....	36	
41.5	Ir-relazzjoni mas-sħab f'azzjoni konġunta — Ftehim ta' koordinazzjoni.....	37	
<b>KAPITOLU 6 ĊAĦDA TAL-ISPEJJEŻ — TNAQQIS TAL-GĦOTJA — IRKUPRU — PENALI — DANNI — SOSPENSJONI — TERMINAZZJONI — FORCE MAJEURE Error! Bookmark not defined.</b>			
<b>TAQSIMA 1 ĊAĦDA TAL-ISPEJJEŻ — TNAQQIS TAL-GĦOTJA — IRKUPRU — PENALI Error! Bookmark not defined.</b>			
ARTIKOLU 42 — ĊAĦDA TA' SPEJJEŻ MHUX ELIĠIBBLI.....			38
42.1	Kundizzjonijiet.....	38	
42.2	Spejjeż mhux eliġibbli li jridu jiġu miċħuda — Kalkolu— Proċedura .....	38	
42.3	Effetti .....	38	
ARTIKOLU 43 — TNAQQIS TAL-GĦOTJA.....			39
43.1	Kundizzjonijiet.....	39	
43.2	Ammont li jrid jitnaqqas — Kalkolu— Proċedura .....	39	
43.3	Effetti .....	39	
ARTIKOLU 44 — IRKUPRU TAL-AMMONTI MHUX DOVUTI .....			40
44.1	Ammont li għandu jiġi rkuprat — Kalkolu — Proċedura.....	40	
ARTIKOLU 45 — PENALI AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI ..Error! Bookmark not defined.			
45.1	Kundizzjonijiet.....	45	
45.2	Tul — Ammont tal-penali — Kalkolu .....	45	
45.3	Proċedura .....	45	
<b>TAQSIMA 2 RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI.....</b>			46
ARTIKOLU 46 — RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI .....			46
46.1	Responsabbiltà tal-[Kummissjoni][Aġenzija] .....	46	
46.2	Responsabbiltà tal-benefiċjarji.....	47	
<b>TAQSIMA 3 SOSPENSJONI U TERMINAZZJONI .....</b> Error! Bookmark not defined.			
ARTIKOLU 47 — SOSPENSJONI TAD-DATA TA' SKADENZA GĦALL-PAGAMENT .....Error! Bookmark not defined.			
47.1	Kundizzjonijiet.....	48	
47.2	Proċedura .....	48	
ARTIKOLU 48 — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI..... <b>Error! Bookmark not defined.</b>			
48.1	Kundizzjonijiet.....	49	
48.2	Proċedura .....	49	
ARTIKOLU 49 — SOSPENSJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI <b>Error! Bookmark not defined.</b>			
49.1	Sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni, mill-benefiċjarji.....	50	
49.2	Sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni, mill-[Kummissjoni][Aġenzija] .....	50	
ARTIKOLU 50 — TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM JEW TAL-PARTEĊIPAZZJONI GĦAL BENEFIĊJARJU WIEĦED JEW IKRAR .....			51
50.1	Terminazzjoni tal-Ftehim mill-benefiċjarji.....	51	
50.2	Terminazzjoni tal-parteciċipazzjoni għal benefiċjarju wieĦed jew aktar mill-benefiċjarji .....	52	
50.3	Terminazzjoni tal-Ftehim jew parteciċipazzjoni għal benefiċjarju wieĦed jew iktar mill-[Kummissjoni][Aġenzija] .....	54	

<b>TAQSIMA 4 FORCE MAJEURE</b> .....	59
ARTIKOLU 51 — FORCE MAJEURE.....	59
51.1 Force majeure.....	59
<b>KAPITOLU 7 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI</b> .....	<b>60</b>
ARTIKOLU 52 — IL-KOMUNIKAZZJONI BEJN IL-PARTIJIET .....	60
52.1 Il-forma u l-mezzi tal-komunikazzjoni .....	60
52.2 Id-data tal-komunikazzjoni .....	60
52.3 Indirizzi għall-komunikazzjoni .....	61
ARTIKOLU 53 — INTERPRETAZZJONI TAL-FTEHIM .....	61
53.1 Il-preċedenza tat-Termini u l-Kundizzjonijiet fuq l-Annessi .....	61
53.2 Privileġġi u immunitajiet .....	61
ARTIKOLU 54 — KALKOLU TAL-PERJODI, ID-DATI U L-ISKADENZI.....	63
ARTIKOLU 55 — EMENDI GĦALL-FTEHIM.....	63
55.1 Kundizzjonijiet.....	63
55.2 Proċedura .....	63
ARTIKOLU 56 — ADEŻJONI MAL-FTEHIM.....	64
56.1 Adeżjoni tal-benefiċjarji msemmija fil-Preambolu .....	64
56.2 Żieda ta' benefiċjarji ġodda .....	64
ARTIKOLU 57 — IL-LIĠI APPLIKABBILI U S-SOLUZZJONI TAT-TILWIMIET .....	64
57.1 Il-liġi applikabbli .....	64
57.2 Soluzzjoni tat-tilwim.....	65
ARTIKOLU 58 — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM .....	67

## **KAPITOLU 1 ĠENERALI**

### **ARTIKOLU 1 — SUĠĠETT TAL-FTEHIM**

Dan il-Ftehim jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi u t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-għotja mogħtija lill-benefiċjarji biex jimplimentaw l-azzjoni stabbilita fil-Kapitolu 2.

## **KAPITOLU 2 AZZJONI**

### **ARTIKOLU 2 — AZZJONI LI TRID TIĠI IMPLIMENTATA [— GĦOTJA KOMPLIMENTARI] [— AZZJONI FFINANZJATA B'MOD KONĠUNT]**

L-għotja hija mogħtija għall-azzjoni bit-titlu [daħħal it-titlu tal-azzjoni] — [daħħal l-akronimu] ('azzjoni'), kif deskritta fl-Anness 1.

*[OPZZJONI għall-għotjiet komplimentari jekk previsti fil-programm ta' ħidma: L-għotja hija 'għotja komplimentari' għal [il-ftehim(iet) ta' għotja skont is-sejħa(iet) għall-proposti*

[identifikatur(i) tas-sejħa: H2020 — tema —]] [in-Nru(i) tal-ftehim(iet) ta' għotja komplimentari li ġej(jin):

- [daħħal in-numru] [daħħal l-akronimu]
- [daħħal in-numru] [daħħal l-akronimu]].]

**[OPZJONI għall-azzjonijiet konġunti (sejħa konġunta ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali):** L-azzjoni hija 'azzjoni ffinanzjata b'mod konġunt' li trid tiġi kkoordinata mal-'azzjoni konġunta' msejħa [daħħal l-isem tal-azzjoni tal-pajjiż terz jew tal-organizzazzjoni internazzjonali], kif deskritta fl-Anness 1.]

### ARTIKOLU 3 — ID-DURATA U D-DATA TAL-BIDU TAL-AZZJONI

Id-durata tal-azzjoni se tkun [daħħal in-numru] xhur minn [OPZJONI prestabbilita: l-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim (ara l-Artikolu 58)] [OPZJONI jekk meħtieġa għall-azzjoni: daħħal id-data]<sup>4</sup> ('daħħal id-data tal-azzjoni').

### ARTIKOLU 4 — IL-BAĠIT STMAT U T-TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT

#### 4.1 Baġit stmat

Il-'baġit stmat' għall-azzjoni huwa stabbilit fl-Anness 2.

Huwa jinkludi l-ispejjeż eliġibbli stmati u l-forom tal-ispejjeż (ara l-Artikoli 5 u 6).

#### 4.2 Trasferimenti fil-baġit

Mhux applikabbli

### KAPITOLU 3 GĦOTJA

### ARTIKOLU 5 — L-AMMONT TAL-GĦOTJA, IL-FORMA TAL-GĦOTJA, IR-RATI TA' RIMBORŻ U L-FOROM TAL-ISPEJJEŻ

#### 5.1 Ammont massimu tal-għotja

L-ammont massimu tal-għotja huwa **EUR 50 000** (ħamsin elf euro).

#### 5.2 Forma tal-għotja, rata ta' rimborż u forma tal-ispejjeż

L-għotja trodd lura **70%** tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni (ara l-Artikolu 6) ('għotja għar-rimborż tal-ispejjeż eliġibbli') (ara l-Anness 2).

<sup>4</sup> Din id-data dejjem trid tkun l-ewwel jum ta' xahar u trid tkun wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-uffiċjal awtorizzanti, jekk l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni tinbeda qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' għotja. Fi kwalunkwe każ, id-data tal-bidu ma tridx tkun aktar kmieni mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja (Artikolu 130 FR).

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

L-ispejjeż eliġibbli stmati tal-azzjoni huma **EUR 71 429** (wieħed u sebgħin elf, erba' mija u disgħa u għoxrin).

L-ispejjeż eliġibbli (ara l-Artikolu 6) għall-ispejjeż **għall-istudju tal-fattibbiltà** jridu jiġu ddikjarati bħala s-somma f'daqqa stipulata fl-Anness 2 (jiġifieri taħt il-forma ta' '**spejjeż tas-somma f'daqqa**').

### 5.3 Ammont finali tal-għotja — Kalkolu

L-ammont finali tal-għotja jiddependi fuq l-implimentazzjoni xierqa tal-azzjoni skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Ftehim.

Dan l-ammont jiġi kkalkolat mill-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* — meta jsir il-pagament tal-bilanċ (ara l-Artikolu 21) — fil-passi li ġejjin:

Pass 1 – Applikazzjoni tar-rata ta' rimborż

Pass 2 – Tnaqqis minħabba ksur tal-obbligi

#### 5.3.1 Pass 1 — Applikazzjoni tar-rati ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli

Ir-rata ta' rimborż (ara l-Artikolu 5.2) tiġi applikata għall-ispejjeż eliġibbli (spejjeż ta' somma f'daqqa; ara l-Artikolu 6) iddikjarati mill-benefiċjarju u approvati mill-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* (ara l-Artikolu 21).

#### 5.3.2 Step 2 — Tnaqqis minħabba implimentazzjoni mhux xierqa jew ksur ta' obbligi oħra — Ammont massimu tal-għotja mnaqqsa — Kalkolu

Jekk l-għotja titnaqqas (ara l-Artikolu 43), il-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* se tikkalkola l-ammont massimu tal-għotja mnaqqsa billi tnaqqas l-ammont tat-tnaqqis (ikkalkolat b'mod proporzjonali mal-implimentazzjoni mhux xierqa tal-azzjoni jew mal-gravità tal-ksur tal-obbligi skont l-Artikolu 43.2) mill-ammont massimu tal-għotja stabbilit fl-Artikolu 5.1.

F'dan il-każ, l-ammont finali tal-għotja se jkun l-anqas wieħed mit-tnejn li ġejjin:

- l-ammont miksub fil-Pass 1 jew
- l-ammont miksub fil-Pass 2.

### 5.4 Ammont finali rivedut tal-għotja — Kalkolu

Jekk — wara l-pagament tal-bilanċ (b'mod partikolari, wara l-kontrolli, ir-reviżjonijiet, il-verifiki jew l-investigazzjonijiet; ara l-Artikolu 22) — il-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* tirrifjuta spejjeż (ara l-Artikolu 42) jew tnaqqas l-għotja (ara l-Artikolu 43), hija se tikkalkola l-'**ammont finali rivedut tal-għotja**'.

Dan l-ammont jiġi kkalkolat mill-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* fuq il-bażi tas-sejbiet, kif ġej:

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- fil-każ ta' **rifjut tal-ispejjeż**: billi tapplika r-rata ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli riveduti approvati mill-[Kummissjoni]/[Aġenzija];
- fil-każ ta' **tnaqqis tal-għotja**: b'mod proporzjonali mal-implimentazzjoni mhux xierqa tagħha jew mal-gravità tal-ksur tal-obbligi (ara l-Artikolu 43.2).

Fil-każ ta' **rifjut tal-ispejjeż u tnaqqis tal-għotja**, l-ammont finali rivedut se jkun l-anqas wieħed miż-żewġ ammonti ta' hawn fuq.

## ARTIKOLU 6 — SPEJJEŻ ELIĠIBBLI U MHUX ELIĠIBBLI

### 6.1 Spejjeż eliġibbli

**L-ispejjeż għall-istudju tal-fattibbiltà (spejjeż diretti u indiretti)** huma eliġibbli ('spejjeż eliġibbli'), jekk jikkorrispondu għas-somma f'daqqa stipulata fl-Anness 2 u jekk il-kompiti jew il-partijiet korrispondenti tal-azzjoni jkunew impimentati kif xieraq skont l-Anness 1.

### 6.2 Spejjeż ineliġibbli

L-'spejjeż ineliġibbli' huma:

- (a) spejjeż li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stipulati hawn fuq (ara l-Artikolu 6.1) u
- (b) spejjeż rimborżati minn għotja oħra tal-UE jew tal-Euratom (inklużi għotjiet mogħtijin minn Stat Membru u ffinanzjati mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom u għotjiet mogħtijin minn korpi oħrajn li mhumiex il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u tal-Euratom.

### 6.3 Konsegwenzi tad-dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli

L-ispejjeż iddikjarati li ma jkunux eliġibbli se jiġu rifjutati (ara l-Artikolu 42).

Dan jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **KAPITOLU 4 DRITTIJET U OBBLIGI TAL-PARTIJIET**

### **TAQSIMA 1 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI**

## **ARTIKOLU 7 — OBBLIGU TA' IMPLIMENTAZZJONI KORRETTA TAL-AZZJONI**

### **7.1 Obbligu ġenerali ta' implimentazzjoni korretta tal-azzjoni**

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Il-benefiċjarji jridu jimplimentaw l-azzjoni kif deskritt fl-Anness 1 u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u l-obbligi legali kollha skont il-liġi tal-UE, internazzjonali u nazzjonali applikabbli.

## **7.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarji ma jimplimentax l-azzjoni (jew parti minnha) kif xieraq, l-ispejjeż korrispondenti jsiru ineliġibbli (ara l-Artikolu 6) u jiġu rifjutati (ara l-Artikolu 42).

Jekk benefiċjarju jikser xi obbligu ieħor, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Dan jista' jwassal għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħrajn deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 8 — RIŻORSI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI**

Mhux applikabbli

## **ARTIKOLU 9 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN BENEFIĊJARJI LI MA JIRĊEVUX FINANZJAMENT MILL-UE**

### **9.1 Regoli għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta' azzjoni mill-benefiċjarji li mhumiex qed jirċievu finanzjament mill-UE**

*[OPZZJONI għal benefiċjarji li mhumiex qed jirċievu finanzjament mill-UE: Benefiċjarji li mhumiex qed jirċievu finanzjament mill-UE jridu jimplimentaw il-kompiti ta' azzjoni attribwiti lilhom fl-Anness 1 skont l-Artikolu 7.1.*

*L-ispejjeż tagħhom huma stmati fl-Anness 2 iżda:*

- *mhumiex ser jiġu rimborżati u*
- *mhumiex ser jitqiesu għall-kalkolu tal-għotja (ara l-Artikoli 5.2, 5.3 u 5.4, u 21).*

*Kapitolu 3, Artikoli 10 sa 15, 18.1.2, 20.3(b), 20.4(b), 20.6, 21, 26.4, 28.1 [OPZZJONI: bl-eċċezzjoni ta' obbligi ta' sfruttar addizzjonali], 28.2, 30.3, 31.5, 40, 42, 43, 44, 47 u 48 ma japplikawx għal dawn il-benefiċjarji.*

*Mhumiex ser ikunu soġġetti għal kontrolli finanzjarji, analiżijiet u awditjar skont l-Artikolu 22.*

*Il-benefiċjarji li mhumiex qed jirċievu finanzjament mill-UE jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet in natura lil benefiċjarju ieħor. F'dan il-każ, ser jitqiesu bħala parti terza għall-fini tal-Artikoli 11 u 12.]*

*[OPZZJONI: mhux applikabbli]*

## 9.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità

*[Jekk benefiċjarju li ma jkunx qed jirċievi finanzjament mill-UE jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, il-parteciċipazzjoni tiegħu fil-Ftehim tista' tiġi terminata (ara l-Artikolu 50).*

*[It-tali ksur jista' jwassal għal xi waħda mill-miżuri l-oħrajn deskritti fil-Kapitolu 6 li huma applikabbli għalih.]*

*[OPZZJONI: mhux applikabbli]*

## ARTIKOLU 10 — XIRI TA' PRODOTTI, XOGĦLIJET JEW SERVIZZI

### 10.1 Regoli għax-xiri ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi

Jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-azzjoni, il-benefiċjarji jistgħu jixtru prodotti, xogħlijiet jew servizzi.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu tali xirjiet filwaqt li jassigura l-aħjar valur għall-flus jew, jekk ikun xieraq, l-inqas prezz. F'dan, iridu jevitaw kwalunkwe kunflitt tal-interessi (ara l-Artikolu 35).

Il-benefiċjarji jridu jassiguraw li l-Kummissjoni [u l-Aġenzija], il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 22 u 23 anki fir-rigward tal-kuntratturi tagħhom.

### 10.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità

Jekk benefiċjarju jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Tali ksur jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## ARTIKOLU 11 — UŻU TA' KONTRIBUZZJONIJIET IN NATURA PPROVDUTI MINN PARTIJIET TERZI KONTRA PAGAMENT

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 12 — UŻU TA' KONTRIBUZZJONIJIET IN NATURA PPROVDUTI BLA PAGAMENT MINN PARTIJIET TERZI

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 13 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN SOTTOKUNTRATTURI

### **13.1 Regoli għas-sottokuntrattar ta' kompiti tal-azzjoni**

Jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-azzjoni, il-benefiċjarji jistgħu jagħtu sottokuntratti li jkopru l-implimentazzjoni ta' ċerti kompiti tal-azzjoni deskritti fl-Anness 1.

Il-benefiċjarji jridu jagħtu s-sottokuntratti billi jassiguraw l-aħjar valur għall-flus jew, jekk ikun xieraq, l-anqas prezz. F'dan, għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt tal-interessi (ara l-Artikolu 35).

Il-benefiċjarji jrid jassiguraw li l-Kummissjoni [u l-Aġenzija], il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 22 u 23 anki fir-rigward tas-sottokuntratturi tiegħu.

Il-benefiċjarji jridu jassiguraw li l-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 35, 36, 38 u 46 japplikaw ukoll għas-sottokuntratturi.

### **13.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarju jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Tali ksur jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 14 — IMPLIMENTAZZJONI TA' KOMPITI TAL-AZZJONI MINN PARTIJET TERZI KONNESSI**

Mhux applikabbli

## **ARTIKOLU 15 — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL PARTIJET TERZI**

Mhux applikabbli

## **ARTIKOLU 16 — GĦOTI TA' AĊĊESS TRANSNAZZJONALI JEW VIRTWALI GĦALL-INFRASTRUTTURA TAR-RIĊERKA**

Mhux applikabbli

## **TAQSIMA 2 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-AMMINISTRAZZJONI TAL-GĦOTJA**

### **ARTIKOLU 17 — OBBLIGU ĠENERALI TA' GĦOTI TAL-INFORMAZZJONI**

#### **17.1 Obbligu ta' għoti tal-informazzjoni meta tintalab**



H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu — waqt l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara — kwalunkwe informazzjoni mitluba sabiex tiġi verifikata l-implimentazzjoni korretta tal-azzjoni u l-konformità mal-obbligi skont il-Ftehim (ara l-Artikolu 41.2).

## **17.2 Obbligu li l-informazzjoni tinżamm aġġornata u li tingħata informazzjoni dwar avvenimenti u ċirkustanzi li x'aktarx ikunu ser jaffettwaw il-Ftehim**

Kull benefiċjarju jrid iżomm l-informazzjoni maħżuna fir-'Reġistru tal-Benefiċjarju' (fis-sistema ta' skambju elettroniku; ara l-Artikolu 52) aġġornata, b'mod partikolari, ismu, l-indirizz, ir-rappreżentanti legali, il-forma legali u t-tip ta' organizzazzjoni tiegħu.

Kull benefiċjarju jrid jinforma lill-koordinatur — li minnufih irid jinforma lill-[Kummissjoni][Aġenzija] u l-benefiċjarji l-oħrajn — dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) **avvenimenti** li jkunu probabbli li ser jaffettwaw b'mod sinifikanti jew jittardjaw l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew l-interessi finanzjarji tal-UE, b'mod partikolari:
  - (i) bidliet fis-sitwazzjoni legali, finanzjarja, teknika, organizzattiva jew tas-sjieda tiegħu [*jew dawg tal-Partijiet Terzi Konnessi tiegħu u*
  - (ii) *bidliet fl-isem, fl-indirizz, fil-forma legali, fit-tip ta' organizzazzjoni tal-Partijiet Terzi Konnessi tiegħu;*
- (b) **ċirkustanzi** li jaffettwaw:
  - (i) id-deċiżjoni li tingħata l-għotja jew
  - (ii) il-konformità mar-rekwiżiti skont il-Ftehim.

## **17.3 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarju jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Tali ksur jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 18 — ŻAMMA TAR-REKORDS — DOKUMENTAZZJONI TA' SOSTENN**

### **18.1 Obbligu li jinżammu r-rekords u dokumentazzjoni oħra għas-sostenn tal-ispejjeż iddikjarati**

Il-benefiċjarji — għal perjodu ta' tliet snin wara li jitħallas il-bilanċ — iridu jżommu rekords adegwati u dokumentazzjoni oħra ta' sostenn biex jagħtu prova li l-kompiti jew il-parti korrispondenti tal-azzjoni kif deskritti fl-Anness 1 ġew implimentati kif xieraq. Il-benefiċjarji

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

ma għandhomx bżonn jidentifikaw l-ispejjeż eliġibbli propji koperti jew jipprovdu dokumentazzjoni ta' appoġġ (bħal dikjarazzjonijiet tal-kontabbiltà) biex jagħtu prova tal-ammont iddikjarat bħala s-somma f' daqqa.

Iridu jagħmluhom disponibbli meta jintalbu (ara l-Artikolu 17) jew fil-kuntest ta' kontrolli, reviżjonijiet, verifiki jew investigazzjonijiet (ara l-Artikolu 22).

Jekk ikunu għaddejnin kontrolli, reviżjonijiet, verifiki, investigazzjonijiet, litigazzjonijiet jew xi segwitu ieħor ta' talbiet skont il-Ftehim (inkluża l-estensjoni ta' sejbiet; ara l-Artikolu 22), il-benefiċjarji jridu jżommu r-rekords u dokumentazzjoni oħra ta' sostenn sat-tmiem ta' dawn il-proċeduri.

Il-benefiċjarji jridu jżommu d-dokumenti oriġinali. Id-dokumenti diġitali u diġitalizzati jitqiesu bħala oriġinali jekk ikunu awtorizzati mil-liġi nazzjonali applikabbli. Il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* tista' taċċetta dokumenti mhux oriġinali jekk hija tħoss li joffru livell komparabbli ta' assigurazzjoni.

## **18.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk il-benefiċjarju jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, l-ispejjeż issostanzjati b'mod insuffiċjenti se jkunu ineliġibbli (ara l-Artikolu 6) u jiġu rifjutati (ara l-Artikolu 42).

Tali ksur jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 19 — SOTTOMISSJONI TAR-RIŻULTATI**

### **19.1 Obbligu ta' sottomissjoni tar-riżultati**

Il-koordinatur irid jissottometti r-**'riżultati'** identifikati fl-Anness 1, skont it-twaqqit u l-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

### **19.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk il-koordinatur jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu, il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* tista' tapplika kwalunkwe waħda mill-miżuri deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 20 — RAPPORTAR — TALBIET GĦAL PAGAMENT**

### **20.1 Obbligu ġenerali ta' sottomissjoni tar-rapport**

Il-koordinatur għandu jissottometti lill-*[Kummissjoni][Aġenzija]* (ara l-Artikolu 52) ir-rapport finali, inkluża talba għal pagament.

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Ir-rapport għandu jifassal permezz tal-formoli u l-mudelli pprovduti mill-*[Kummissjoni][Aġenzija]* fis-sistema ta' skambju elettronika (ara l-Artikolu 52).

## 20.2 Il-perjodu tar-rapportar

L-azzjoni għandha perjodu tar-rapportar wieħed:

- RP1: mix-xahar 1 sax-xahar

## 20.3 Rapport perjodiċi — Talbiet għal pagamenti interim

Mhux applikabbli

## 20.4 Rapport finali — Talba għal pagament tal-bilanċ

Il-koordinatur irid jissottometti lill-*[Kummissjoni][Aġenzija]* (ara l-Artikolu 52) — fi żmien 60 jum wara tmiem il-perjodu tar-rapportar — rapport finali, li jinkludi t-talba għall-pagament tal-bilanċ.

Ir-rapport finali jrid jinkludi dawn li ġejjin:

- 'rapport tekniku finali'** li fih **sommarju b'**:
  - ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati;
  - il-konklużjonijiet fuq l-azzjoni;
  - it-tweġibiet għall-**'kwestjonarju'**, li jkopru kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-impatt ekonomiku u soċjetali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-indikaturi tal-prestazzjoni prinċipali ta' Orizzont 2020 u r-rekwiżiti ta' monitoraġġ ta' Orizzont 2020.
- 'rapport finanzjarju finali'** li fih **'dikjarazzjoni finanzjarja individwali'** minn kull benefiċjarju (ara l-Anness 4), li tinkludi t-talba **għall-pagament tal-bilanċ**.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja individwali trid tipprovi d-dettalji tal-ispejjeż eliġibbli (spejjeż tas-somma f'daqqa; ara l-Artikolu 6 u l-Anness 2).

L-ammonti mhux iddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja individwali ma jingħatawx kont mill-*[Kummissjoni][Aġenzija]*.

Kull benefiċjarju jrid **jiċċertifika** li:

- l-informazzjoni mogħtija hija sħiħa, affidabbli u vera;
- l-ispejjeż iddikjarati huma eliġibbli (jiġifieri li l-azzjoni ġiet implimentata kif xieraq; ara l-Artikolu 6);

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- I-ispejjeż (jiġifieri l-implimentazzjoni xierqa tal-azzjoni) jistgħu jiġu sostanzjati minn rekords u dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa (ara l-Artikolu 18) li ser jiġu ppreżentati fuq talba (ara l-Artikolu 17) jew fil-kuntest ta' kontrolli, reviżjonijiet, awditjar u investigazzjonijiet (ara l-Artikolu 22).

## 20.5 Informazzjoni dwar l-infiq kumulattiv imġarrab

Mhux applikabbli

## 20.6 Il-munita għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jridu jiġu mfassla f'euro.

## 20.7 Il-lingwa tar-rapport

Ir-rapport (ir-rapport tekniku u finanzjarju finali, inkluża d-dikjarazzjoni finanzjarja) għandu jiġi sottomess fil-lingwa tal-Ftehim.

## 20.8 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità — Sospensjoni tad-data tal-iskadenza tal-pagament - Terminazzjoni

Jekk ir-rapport sottomess ma jikkonformax ma' dan l-Artikolu, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' tissospendi d-data tal-iskadenza tal-pagament (ara l-Artikolu 47) u tapplika kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

Jekk il-koordinatur jikser l-obbligu tiegħu li jissottometti r-rapporti u jekk dan jonqos milli jikkonforma ma' dan l-obbligu fi żmien 30 jum wara li tintbagħat tfakkira bil-miktub mill-[Kummissjoni]/[Aġenzija], il-Ftehim jista' jiġi terminat (ara l-Artikolu 50).

## ARTIKOLU 21 — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENT

### 21.1 Payments to be made

Il-pagamenti li ġejjin ser isiru lill-koordinatur:

- **pagament ta' prefinanzjament** wieħed;
- **pagament tal-bilanċ** wieħed, abbażi tat-talba għal pagament tal-bilanċ (ara l-Artikolu 20).

### 21.2 Pagament ta' prefinanzjament — Ammont — Ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija

L-għan tal-prefinanzjament huwa li jipprovdi lill-benefiċjarji bi float.

Dan jibqa' l-proprjetà tal-UE sakemm jitħallas il-bilanċ.

L-ammont tal-pagament ta' prefinanzjament ser ikun EUR [**daħħal l-ammont** (daħħal l-ammont fi kliem)].

Il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* — minbarra jekk japplika l-Artikolu 48 — ser tagħmel il-pagament ta' prefinanzjament lill-koordinatur fi żmien 30 jum mid-data tal-bidu tal-azzjoni (ara l-Artikolu 3) jew mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim (ara l-Artikolu 58), skont liema huwa l-aħħar.

Ammont ta' EUR [**daħħal l-ammont** (daħħal l-ammont fi kliem)], li jikkorrispondi għall-5 % tal-ammont massimu tal-għotja (ara l-Artikolu 5.1), jinżamm mill-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* mill-pagament ta' prefinanzjament u jiġi ttrasferit fil-'**Fond ta' Garanzija**'

### 21.3 Pagamenti interim — Ammont — Kalkolu

Mhux applikabbli

### 21.4 Pagament tal-bilanċ — Ammont — Kalkolu — Rilaxx tal-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija

Il-pagament tal-bilanċ jirrimborża l-parti li tiftal tal-ispejjeż eliġibbli li jkollhom il-benefiċjarji għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Jekk l-ammont totali tal-pagamenti li saru qabel huwa akbar mill-ammont finali tal-għotja (ara l-Artikolu 5.3), il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru (ara l-Artikolu 44).

Jekk l-ammont totali tal-pagamenti li saru qabel huwa aktar baxx mill-ammont finali tal-għotja, il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* ser tħallas il-bilanċ fi żmien 90 jum minn meta tirċievi r-rapport finali (ara l-Artikolu 20.4), ħliet jekk japplikaw l-Artikoli 47 jew 48.

Il-pagament huwa soġġett għall-approvazzjoni tar-rapport finali. L-approvazzjoni tiegħu ma timplikax ir-rikonoxximent tal-konformità, l-awtentiċità, il-kompletezza jew il-korrettezza tal-kontenut tiegħu.

**L-ammont dovut bħala l-bilanċ** huwa kkalkolat mill-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* billi tnaqqas l-ammont totali ta' pagamenti ta' prefinanzjament u interim (jekk hemm) li jkunu saru diġà, mill-ammont finali tal-għotja ddeterminat skont l-Artikolu 5.3:

{ ammont finali tal-għotja (ara l-Artikolu 5.3)

nieqes

{ pagamenti ta' prefinanzjament u interim (jekk hemm) li saru } }.

Mal-pagament tal-bilanċ, l-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija (ara hawn fuq) jiġi rilaxxat u:

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- jekk il-bilanċ huwa pożittiv: l-ammont rilaxxat ser jitħallas kollu lill-koordinatur flimkien mal-ammont dovut bħala l-bilanċ;
- jekk il-bilanċ huwa negattiv (il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru): dan ser jitnaqqas mill-ammont rilaxxat (ara l-Artikolu 44.1.2). Jekk l-ammont li jirriżulta:
  - huwa pożittiv, dan ser jitħallas lill-koordinatur
  - huwa negattiv, dan ser jiġi rkuprat.

L-ammont li jrid jitħallas jista', madankollu, jiġi paċut — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammont ieħor dovut lill-benefiċjarju mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom), sal-kontribuzzjoni massima tal-UE indikata, għal dak il-benefiċjarju, fil-baġit stmat (ara l-Anness 2).

### **21.5 Notifika tal-ammonti dovuti**

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur dwar l-ammont dovut u ser tispeċifika l-ammont finali tal-għotja.

Fil-każ ta' tnaqqis tal-għotja jew irkupru tal-ammonti dovuti, in-notifika ser tkun preċeduta mill-proċedura kontraddittorja stabbilita fl-Artikoli 43 u 4.

### **21.6 Il-munita għall-pagamenti**

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tagħmel il-pagamenti kollha f'euro.

### **21.7 Pagamenti lill-koordinatur — Distribuzzjoni lill-benefiċjarji**

Il-pagamenti ser isiru lill-koordinatur.

Il-pagamenti lill-koordinatur ser jirrilaxxaw lill-[Kummissjoni]/[Aġenzija] mill-obbligu tagħha ta' pagament.

Il-koordinatur irid iqassam il-pagamenti bejn il-benefiċjarji bla dewmien mhux iġġustifikat.

Madankollu, il-prefinanzjament jista' jitqassam biss:

- (a) jekk l-għadd minimu ta' benefiċjarji stabbilit fis-sejħa għall-proposti aċċedew mal-Ftehim (ara l-Artikolu 56) u
- (b) lil benefiċjarji li aċċedew mal-Ftehim (ara l-Artikolu 56).

### **21.8 Kont tal-bank għall-pagamenti**

Il-pagamenti kollha ser isiru lill-kont tal-bank li ġej:

Isem tal-bank: [...]

Indirizz tal-fergħa: [...]

Isem sħiħ tad-detentur tal-kont: [...]

Numru sħiħ tal-kont (inkluż il-kodiċijiet tal-bank): [...]

[Kodiċi IBAN: [...]]<sup>5</sup>

## 21.9 Spejjeż tat-trasferimenti tal-pagament

L-ispejjeż tat-trasferimenti tal-pagament huma ta' dawn li ġejjin:

- il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tħallas l-ispejjeż tat-trasferiment mitluba mill-bank tagħha;
- il-benefiċjarju jħallas l-ispejjeż tat-trasferiment mitluba mill-bank tiegħu;
- il-parti li tikkawża r-ripetizzjoni ta' trasferiment tħallas l-ispejjeż kollha tat-trasferiment ripetut.

## 21.10 Data tal-pagament

Il-pagamenti mill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] jitqiesu li twettqu fid-data meta jiġu ddebitati lill-kont tagħha.

## 21.11 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità

21.11.1 Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ma tħallasx fid-dati tal-iskadenzi tal-pagament (ara hawn fuq), il-benefiċjarji huma intitolati għal **imgħax għal pagament tard** għar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu f'euro ('rata ta' referenza'), flimkien ma' tliet punti u nofs. Ir-rata ta' referenza hija r-rata fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fiha tintemm id-data tal-iskadenza tal-pagament, kif ippubblikat fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk l-imgħax għal pagament tard huwa aktar baxx minn jew ugwali għal EUR 200, dan ser jitħallas lill-koordinatur biss fuq talba sottomessa fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-pagament tard.

L-imgħax għal pagament tard mhuwiex dovut jekk il-benefiċjarji huma Stati Membri tal-UE (inkluż awtoritajiet tal-gvern reġjonali u lokali jew korpi oħra pubbliċi li jaġixxu f'isem Stat Membru għall-fini ta' dan il-Ftehim).

Is-sospensjoni tad-data tal-iskadenza tal-pagament jew tal-pagamenti (ara l-Artikoli 47 u 48) ma titqiesx bħala pagament tard.

L-imgħax għal pagament tard ikopri l-perjodu li jibda mill-jum wara d-data ta' maturità għall-pagament (ara hawn fuq), sa u inkluż id-data tal-pagament.

<sup>5</sup> Il-kodiċi BIC jew SWIFT japplika għall-pajjiżi jekk il-kodiċi IBAN ma japplikax.

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

L-imgħax għal pagament tard mhuwiex meqjus għall-fini tal-kalkolu tal-ammont finali tal-għotja.

21.11.2 Jekk il-koordinatur jikser xi wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan il-Ftehim, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43) u l-Ftehim jew il-parteċipazzjoni tal-koordinatur jistgħu jiġu terminati (ara l-Artikolu 50).

It-tali ksur jista' jwassal ukoll għal xi waħda mill-miżuri l-oħrajn deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 22 — KONTROLLI, REVIŻJONIJIET, AWDITJAR U INVESTIGAZZJONIJIET — ESTENSJONI TAS-SEJBIET**

### **22.1 Kontrolli, reviżjonijiet u awdijtar mill-Kummissjoni [u l-Aġenzija]**

#### **22.1.1 Id-dritt li twettaq kontrolli**

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] — matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara — ser tivverifika l-implimentazzjoni tajba tal-azzjoni u l-konformità mal-obbligi taħt il-Ftehim, inkluż tivvaluta r-riżultati u r-rapporti.

Għal dan il-fini l-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' tiġi megħjuna minn persuni jew korpi esterni.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' titlob ukoll informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 17. Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' titlob lill-benefiċjarji jipprovdu informazzjoni bħal din lilha direttament.

L-informazzjoni pprovduta trid tkun eżatta, preċiża u kompluta u fil-forma mitluba, inkluż fil-forma elettronika.

#### **22.1.2 Id-dritt li twettaq reviżjonijiet**

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] — matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara — tista' twettaq reviżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tajba tal-azzjoni (inkluż tivvaluta r-riżultati u r-rapporti), il-konformità mal-obbligi taħt il-Ftehim u l-kontinwazzjoni tar-rilevanza xjentifika jew teknoloġika tal-azzjoni.

Ir-reviżjonijiet jistgħu jinbdeu **sa sentejn wara l-pagament tal-bilanċ**. Dawn ser jiġu nnotifikati b'mod formali lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat u ser jitqiesu li jkunu bdew fid-data tan-notifika formali.

Jekk ir-reviżjoni titwettaq fuq parti terza (ara l-Artikoli 10 sa 16), il-benefiċjarju kkonċernat għandu jinforma lill-parti terza.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' twettaq reviżjonijiet direttament (permezz tal-persunal tagħha stess) jew indirettament (permezz ta' persuni jew korpi esterni maħtura biex jagħmlu dan). Din ser tinforma lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat dwar l-identità tal-



persuni jew tal-korpi esterni. Dawn għandhom id-dritt li joġġezzjonaw għall-ħatra għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali.

Il-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat għandu jipprovdi — sal-iskadenza mitluba — kwalunkwe informazzjoni u dejta flimkien mar-riżultati u r-rapporti diġà sottomessi (inkluż informazzjoni dwar l-użu tar-riżorsi). Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' titlob lill-benefiċjarji jipprovdu informazzjoni bħal din lilha direttament.

Il-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat jista' jiġi mitlub jipparteċipa f'laqgħat, inkluż mal-esperti esterni.

Għal reviżjonijiet **fuq il-post**, il-benefiċjarji għandhom jippermettu l-aċċess għas-siti u l-postijiet tagħhom, inkluż lil persuni jew korpi esterni, u għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli minnufih.

L-informazzjoni pprovduta għandha tkun eżatta, preċiża u kompluta u fil-forma mitluba, inkluż fil-forma elettronika.

Abbażi tas-sejbiet tar-reviżjoni, ser jitfassal '**rapport dwar ir-reviżjoni**'.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali r-rapport dwar ir-reviżjoni lill-benefiċjarju kkonċernat, li għandu 30 jum biex jinnotifika b'mod formali l-osservazzjonijiet tiegħu ('**proċedura ta' reviżjoni kontraddittorja**').

Ir-reviżjonijiet (inkluż ir-rapporti dwar ir-reviżjonijiet) isiru fil-lingwa tal-Ftehim.

### 22.1.3 Id-dritt li twettaq awditjar

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] — matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara — tista' twettaq awditjar tal-implimentazzjoni tajba tal-azzjoni u tal-konformità mal-obbligi taħt il-Ftehim.

L-awditjar jista' jinbeda **sa sentejn wara l-pagament tal-bilanċ**. Dan ser jiġi nnotifikat b'mod formali lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat u ser jitqies li jkun beda fid-data tan-notifika formali.

Jekk l-awditjar jitwettaq fuq parti terza (ara l-Artikoli 10 sa 16), il-benefiċjarju kkonċernat għandu jinforma lill-parti terza.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' twettaq awditjar direttament (permezz tal-persunal tagħha) jew indirettament (permezz ta' persuni jew korpi esterni maħtura biex jagħmlu dan). Din ser tinforma lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat dwar l-identità tal-persuni jew tal-korpi esterni. Għandhom id-dritt li joġġezzjonaw għall-ħatra għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali.

Il-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat għandu jipprovdi — fl-iskadenza mitluba — kwalunkwe informazzjoni (inkluż kontijiet kompluti, dikjarazzjonijiet tas-salarji individwali

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

jew dejta personali oħra) għall-verifika tal-konformità mal-Ftehim. Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' titlob lill-benefiċjarji jipprovdu informazzjoni bħal din lilha direttament.

Għal awditjar **fuq il-post**, il-benefiċjarji għandhom jippermettu l-aċċess għas-siti u l-fondi tagħhom, inkluż lil persuni jew korpi esterni, u għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli minnufih.

L-informazzjoni pprovduta għandha tkun eżatta, preċiża u kompluta u fil-forma mitluba, inkluż fil-forma elettronika.

Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-awditjar, jitfassal '**abbozz ta' rapport dwar l-awditjar**'.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali l-abbozz ta' rapport dwar l-awditjar lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat, li għandu 30 jum biex jinnotifika b'mod formali l-osservazzjonijiet tiegħu ('**proċedura ta' awditjar kontradittorja**'). Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] f'każijiet ġustifikati.

Ir-'**rapport finali dwar l-awditjar**' ser jieħu kont tal-osservazzjonijiet mill-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat. Ir-rapport ser jiġi nnotifikat b'mod formali lilu.

L-awditjar (inkluż ir-rapporti dwar l-awditjar) ikunu fil-lingwa tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] jista' jkollha wkoll aċċess għar-rekords statutorji tal-benefiċjarji għall-valutazzjoni perjodika tal-ispejjeż unitarji jew l-ammonti b'rata fissa [jew l-ammonti f'somma f'daqqa].

## 22.2 Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Skont ir-Regolamenti Nru 883/2013<sup>6</sup> u Nru 2185/96<sup>7</sup> (u skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri tagħhom, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' — fi kwalunkwe mument matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara — iwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk, fir-rigward tal-azzjoni ffinanzjata taħt il-Ftehim, kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE.

## 22.3 Kontrolli u awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

Skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 161 tar-Regolament Finanzjarju Nru 966/2012<sup>8</sup>, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.09.2013, p. 1).

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/1996 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

(QEA) tista' - fi kwalunkwe mument matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew wara—twettaq awditjar.

Il-QEA għandha d-dritt ta' aċċess għall-fini tal-kontrolli u l-awditjar.

## **22.4 Kontrolli, reviżjonijiet, awditjar u investigazzjonijiet għal organizzazzjonijiet internazzjonali**

*[OPZJONI għal organizzazzjonijiet internazzjonali: F'konformità mar-regolamenti finanzjarji tagħha, l-Unjoni Ewropea, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), tista' twettaq, inkluż fuq il-post, kontrolli, reviżjonijiet, awditjar u investigazzjonijiet.*

*Dan l-Artikolu ser jiġi applikat skont kwalunkwe ftehim speċifiku konkluż f'dan ir-rigward mill-organizzazzjoni internazzjonali u l-Unjoni Ewropea.]*

*[OPZJONI: mhux applikabbli]*

## **22.5 Konsegwenzi tas-sejbiet fil-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-awditjar u l-investigazzjonijiet — Estensjoni tas-sejbiet**

### **22.5.1 Sejbiet f'din l-għotja**

Is-sejbiet fil-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-awditjar jew l-investigazzjonijiet imwettqa fil-kuntest ta' din l-għotja jistgħu jwasslu għaċ-ċaħda tal-ispejjeż mhux eliġibbli (ara l-Artikolu 42), it-tnaqqis tal-għotja (ara l-Artikolu 43), l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti (ara l-Artikolu 44) jew għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

Iċ-ċaħda tal-ispejjeż jew it-tnaqqis tal-għotja wara l-pagament tal-bilanċ ser iwassal għal ammont finali tal-għotja rivedut (ara l-Artikolu 5.4).

Is-sejbiet fil-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-awditjar jew l-investigazzjonijiet jistgħu jwasslu għal talba għal emenda għall-modifika tal-Anness 1 (ara l-Artikolu 55).

Il-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-awditjar jew l-investigazzjonijiet li jsibu żbalji sistematiċi jew rikorrenti, irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi jistgħu wkoll iwasslu għal konsegwenzi f'għotjiet oħra tal-UE jew tal-Euratom mogħtija taħt kundizzjonijiet simili ('**estensjoni tas-sejbiet minn din l-għotja għal għotjiet oħra**').

Barra minn hekk, is-sejbiet li jirriżultaw minn investigazzjoni tal-OLAF jistgħu jwasslu għal proċedimenti kriminali taħt il-liġi nazzjonali.

### **22.5.2 Sejbiet f'għotjiet oħra**

Il-Kummissjoni [*jew l-Aġenzija*] tista' testendi s-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja ('**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**'), jekk:

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (#Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (a) il-benefiċjarju kkonċernat jinstab, f'għotjiet oħra tal-UE jew tal-Euratom mogħtija taħt kundizzjonijiet simili, li kkommetta żbalji sistematiċi jew rikorrenti, irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi li għandhom impatt materjali fuq din l-għotja u
- (b) dawk is-sejbiet huma nnotifikati b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat — flimkien mal-lista tal-għotjiet affettwati mis-sejbiet — mhux aktar tard minn sentejn wara l-pagament tal-bilanċ ta' din l-għotja.

L-estensjoni tas-sejbiet tista' twassal għal ċaħda tal-ispejjeż (ara l-Artikolu 42), tnaqqis tal-għotja (ara l-Artikolu 43), irkupru ta' ammonti mhux dovuti (ara l-Artikolu 44), sospensjoni tal-pagamenti (ara l-Artikolu 48), sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni (ara l-Artikolu 49) jew terminazzjoni (ara l-Artikolu 50).

### 22.5.3 Proċedura

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat dwar l-iżbalji sistematiċi jew rikorrenti, flimkien mal-lista tal-għotjiet affettwati mis-sejbiet.

22.5.3.1 Jekk is-sejbiet jikkonċernaw l-**eliġibbiltà tal-ispejjeż**: in-notifikazzjoni formali ser tinkludi:

- (a) stedina biex jissottometti osservazzjonijiet dwar il-lista tal-għotjiet affettwati mis-sejbiet;
- (b) it-talba biex jissottometti **dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti** għall-għotjiet kollha affettwati;
- (c) **ir-rata ta' korrezzjoni għall-estrapolazzjoni** stabbilita mill-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] abbażi tal-iżbalji sistematiċi jew rikorrenti, biex tikkalkola l-ammonti li jridu jiġu miċħuda jekk il-benefiċjarju kkonċernat:
  - (i) iqies li s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti mhijiex possibbli jew Prattika jew
  - (ii) ma jissottomettix dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti.

Il-benefiċjarju kkonċernat għandu 90 jum minn meta jirċievi notifika biex jissottometti l-osservazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti jew biex jipproponi **metodu ta' korrezzjoni alternattiv** sostanzjat kif dovut. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] f'każijiet ġustifikati.

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ser tiddetermina l-ammonti li jridu jiġu miċħuda abbażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti, soġġett għall-approvazzjoni tagħhom.

Jekk il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ma tirċevix xi osservazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti, ma taċċettax l-osservazzjonijiet jew il-metodu ta' korrezzjoni alternattiv propost jew ma tapprovax id-dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti, din ser tinnotifika b'mod

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

formali lill-benefiċjarju kkonċernat dwar l-applikazzjoni tar-rata ta' korrezzjoni għall-estrapolazzjoni nnotifikata fil-bidu.

Jekk il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] taċċetta l-metodu ta' korrezzjoni alternattiv propost mill-benefiċjarju kkonċernat, din ser tinnotifika b'mod formali l-applikazzjoni tal-metodu ta' korrezzjoni alternattiv aċċettat.

22.5.3.2 Jekk is-sejbiet jikkonċernaw **implimentazzjoni mhux tajba jew ksur ta' obbligu ieħor**: in-notifika formali ser tinkludi:

- (a) stedina biex jissottometti osservazzjonijiet dwar il-lista ta' għotjiet affettwati mis-sejbiet u
- (b) ir-rata fissa li l-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] għandha l-intenzjoni li tapplika skont il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Il-benefiċjarju kkonċernat għandu 90 jum minn meta jirċievi notifika biex jissottometti osservazzjonijiet jew jipproponi rata fissa alternattiva sostanzjata kif dovut.

Jekk il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] ma tirċevix xi osservazzjonijiet jew ma taċċettax l-osservazzjonijiet jew ir-rata fissa alternattiva proposta, din ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat dwar l-applikazzjoni tar-rata fissa nnotifikata fil-bidu.

Jekk il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] taċċetta r-rata fissa alternattiva proposta mill-benefiċjarju kkonċernat, din ser tinnotifika b'mod formali l-applikazzjoni tar-rata fissa alternattiva aċċettata.

## 22.6 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, kwalunkwe spejjeż mhux sostanzjati biżżejjed mhux ser ikunu eliġibbli (ara l-Artikolu 6) u ser jiġu miċħuda (ara l-Artikolu 42).

Ksur bħal dan jista' jwassal ukoll għal kwalunkwe mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## ARTIKOLU 23 — EVALWAZZJONI TAL-IMPATT TAL-AZZJONI

### 23.1 Id-dritt li tevalwa l-impatt tal-azzjoni

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' twettaq evalwazzjonijiet interim u finali tal-impatt tal-azzjoni mkejla mal-objettiv tal-programm [tal-UE] [Euratom].

L-evalwazzjonijiet jistgħu jinbnew matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni u jkomplu sa [OPZJONI prestabbilita: ħames][OPZJONI għal għotjiet ta' valur baxx: tliet] snin wara l-pagament tal-bilanċ. L-evalwazzjoni titqies li tibda fid-data tan-notifika formali lill-koordinatur jew il-benefiċjarji.

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' tagħmel dawn l-evalwazzjonijiet direttament (permezz tal-persunal tagħha) jew indirettament (permezz ta' korpi jew persuni esterni li tkun awtorizzat biex jagħmlu dan).

Il-koordinatur jew il-benefiċjarji għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-azzjoni, inkluż informazzjoni fil-forma elettronika.

### **23.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe wieħed mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, il-Kummissjoni [jew l-Aġenzija] tista' tapplika l-miżuri deskritti fil-Kapitolu 6.

## **TAQSIMA 3 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-ISFOND U R-RIŻULTATI**

### **SOTTOTAQSIMA 1 ĠENERALI**

#### **ARTIKOLU 23a — ĠESTJONI TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI**

Mhux applikabbli

### **SOTTOTAQSIMA 2 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAL-ISFOND**

#### **ARTIKOLU 24 — FTEHIM DWAR L-ISFOND**

Mhux applikabbli

#### **ARTIKOLU 25 — DRITTIJET TA' AĊĊESS GĦALL-ISFOND**

Mhux applikabbli

### **SOTTOTAQSIMA 3 DRITTIJET U OBBLIGI RELATATI MAR-RIŻULTATI**

#### **ARTIKOLU 26 — SJIEDA TAR-RIŻULTATI**

Mhux applikabbli

#### **ARTIKOLU 27 — PROTEZZJONI TAR-RIŻULTATI — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE**

Mhux applikabbli

#### **ARTIKOLU 28 — UŻU TAR-RIŻULTATI**

Mhux applikabbli

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (#afna benefiċjarji): Diċembru 2013

## ARTIKOLU 29 — DISSEMINAZZJONI TAR-RIŻULTATI — AĊĊESS MIFTUĦ — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 30 — TRASFERIMENT U GĦOTI TA' LIĊENZJA TAR-RIŻULTATI

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 31 — DRITTIJET TA' AĊĊESS GħAR-RIŻULTATI

Mhux applikabbli

## **TAQSIMA 4 DRITTIJET U OBBLIGI OĦRA**

## ARTIKOLU 32 — REKLUTAĠĠ U KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL GħAR-RIĊERKATURI

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 33 — L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Mhux applikabbli

## ARTIKOLU 34 — ETIKA

### **34.1 Obbligu ġenerali ta' konformità mal-prinċipji etiċi**

Il-benefiċjarji għandhom iwettqu l-azzjoni f'konformità:

(a) mal-prinċipji etiċi (inkluż l-ogħla standards ta' integrità tar-riċerka — kif stabbilit, pereżempju, fil-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka<sup>9</sup> — u inkluż, b'mod partikolari, l-evitar ta' fabrikazzjoni, falsifikazzjoni, plaġjariżmu jew imġiba ħażina oħra fir-riċerka) u

(b) mal-liġi internazzjonali, tal-UE u nazzjonali applikabbli.

Il-finanzjament mhux ser jingħata għal attivitajiet imwettqa barra mill-UE jekk dawn huma pprojbiti fl-Istati Membri kollha.

Il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li l-attivitajiet taħt l-azzjoni jiffukaw esklussivament fuq applikazzjonijiet ċivili.

Il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li l-attivitajiet taħt l-azzjoni:

<sup>9</sup> Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka ta' ALLEA (All European Academies) u l-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (FEX) ta' Marzu 2011.  
[http://www.esf.org/fileadmin/Public\\_documents/Publications/Code\\_Conduct\\_ResearchIntegrity.pdf](http://www.esf.org/fileadmin/Public_documents/Publications/Code_Conduct_ResearchIntegrity.pdf)

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (a) ma jimmirawx lejn il-klonazzjoni umana għal skopijiet riproduttivi;
- (b) ma għandhomx l-intenzjoni li jimmodifikaw il-wirt ġenetiku tal-bnedmin li jista' jwassal biex tali bidliet ikunu ereditabbli (bl-eċċezzjoni ta' riċerka relatata mal-kura tal-kanċer fuq il-gonadi, li tista' tiġi ffinanzjata), jew
- (c) ma għandhomx l-intenzjoni li joħlqu embrijuni umani unikament għall-fini ta' riċerka jew għall-fini tal-akkwist ta' ċelluli staminali, inkluż permezz tat-trasferiment nukleari taċ-ċelluli somatiċi.

### 34.2 Attivitajiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet etiċi

Attivitajiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet etiċi għandhom jikkonformaw mar-**'rekwiżiti tal-etika'** stabbiliti fl-Anness 1.

Qabel il-bidu ta' attività li tagħti lok għal kwistjoni etika, il-koordinatur għandu jissottometti (ara l-Artikolu 52) lill-*[Kummissjoni]* *[Aġenzija]* kopja ta':

- (a) kwalunkwe opinjoni ta' kumitat tal-etika meħtieġa taħt il-liġi nazzjonali u
- (b) kwalunkwe notifika jew awtorizzazzjoni għal attivitajiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet etiċi meħtieġa taħt il-liġi nazzjonali.

Jekk dawk id-dokumenti mhumiex bl-Ingliż, il-koordinatur għandu jissottometti wkoll sommarju bl-Ingliż tal-opinjoni sottomessi, in-notifiki u l-awtorizzazzjonijiet (li fih, jekk disponibbli, il-konklużjonijiet tal-kumitat jew l-awtorità kkonċernata).

Jekk dawn id-dokumenti huma mitluba speċifikament għall-azzjoni, it-talba jrid ikun fiha referenza espliċita għat-titlu tal-azzjoni. Il-koordinatur għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand kull benefiċjarju kkonċernat li d-dokumenti kollha sottomessi jkopru l-kompiti tal-azzjoni.

### 34.3 Attivitajiet li jinvolvu l-embrijuni umani jew iċ-ċelluli staminali embrijoniċi umani

**[OPZZJONI għal attivitajiet li jinvolvu potenzjalment riċerka fuq l-embrijuni umani jew iċ-ċelluli staminali embrijoniċi umani:** Attivitajiet li jinvolvu riċerka fuq l-embrijuni umani jew iċ-ċelluli staminali embrijoniċi umani jistgħu jitwettqu biss jekk:

- huma stabbiliti fl-Anness 1 jew
- il-koordinatur kiseb approvazzjoni espliċita (bil-miktub mill-*[Kummissjoni]* *[Aġenzija]* (ara l-Artikolu 52).]

**[OPZZJONI:** mhux applikabbli]

### 34.4 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità



H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43) u l-Ftehim jew parteċipazzjoni tal-benefiċjarju jistgħu jiġu terminati (ara l-Artikolu 50).

Ksur bħal dan jista' jwassal għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## ARTIKOLU 35 — KUNFLITT TA' INTERESSI

### 35.1 Obbligu li jiġi evitat kunflitt ta' interessi

Il-benefiċjarji għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-implimentazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-azzjoni hija compromessa għal raġunijiet li jinvolvu l-interess ekonomiku, affinità politika jew nazzjonali, ir-rabtiet tal-familja jew emozzjonali jew kwalunkwe interess ieħor komuni (**'kunflitt ta' interessi'**).

Iridu jinnotifikaw b'mod formali lill-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* mingħajr dewmien dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tikkostitwixxi jew li probabbli ser twassal għal kunflitt ta' interessi u minnufih għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jirranġaw din is-sitwazzjoni.

Il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* tista' tivverifika li l-miżuri meħuda huma xierqa u tista' teħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali sa data tal-iskadenza speċifikata.

### 35.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43) u l-Ftehim jew il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarju jistgħu jiġu terminati (ara l-Artikolu 50).

Ksur bħal dan jista' jwassal għal kwalunkwe mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## ARTIKOLU 36 — KUNFIDENZJALITÀ

### 36.1 Obbligu ġenerali li tinżamm il-kunfidenzjalità

Il-partijiet għandhom iżommu kunfidenzjali kwalunkwe dejta, dokumenti jew materjal ieħor (fi kwalunkwe forma) li huwa identifikat bħala kunfidenzjali fiż-żmien li jiġi żvelat (**'informazzjoni kunfidenzjali'**).

Jistgħu jużaw informazzjoni kunfidenzjali biex jimplementaw il-Ftehim.

L-obbligi ta' kunfidenzjalità ma jibqgħux japplikaw jekk:

- (a) il-parti li tiżvela taqbel li tirrilaxxa l-parti l-oħra;

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (b) L-informazzjoni kienet diġà magħrufa mir-riċevitur jew tingħata lilu mingħajr obbligu ta' kunfidenzjalità minn parti terza li ma kinitx marbuta minn kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità;
- (c) ir-riċevitur juri li l-informazzjoni ġiet żviluppata mingħajr l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali;
- (d) L-informazzjoni ssir disponibbli b'mod ġenerali u pubblikament, mingħajr il-ksur ta' kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità, jew
- (e) l-iżvelar tal-informazzjoni huwa meħtieġ mil-liġi tal-UE jew nazzjonali.

### **36.2 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe wieħed mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Ksur bħal dan jista' jwassal għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 37 — OBBLIGI RELATATI MAS-SIGURTÀ**

Mhux applikabbli

## **ARTIKOLU 38 — PROMOZZJONI TAL-AZZJONI — VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT TAL-UE**

### **38.1 Attivitajiet ta' komunikazzjoni mill-benefiċjarji**

Il-benefiċjarji jridu jippromwovu l-azzjoni u r-riżultati tagħha.

Kwalunkwe attività ta' komunikazzjoni relatata mal-azzjoni trid:

- (a) turi l-emblema tal-UE u
- (b) tinkludi t-test li ġej:

“Dan il-proġett irċieva finanzjament mill-*[Programm għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea]**[Il-Programm għar-riċerka u l-innovazzjoni Euratom 2014-2018]* taħt il-ftehim ta' għotja Nru [numru]”.

Kwalunkwe attività ta' komunikazzjoni relatata mal-azzjoni għandha tindika li din tirrifletti biss il-fehma tal-awtur u li l-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]* mhijiex responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir tal-informazzjoni li fiha.

### **38.2 Attivitajiet ta' komunikazzjoni mill-*[Kummissjoni]**[Aġenzija]***

Mhux applikabbli

### **38.3 Konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità**

Jekk benefiċjarju jikser kwalunkwe mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, l-għotja tista' titnaqqas (ara l-Artikolu 43).

Ksur bħal dan jista' jwassal għal kwalunkwe waħda mill-miżuri l-oħra deskritti fil-Kapitolu 6.

## **ARTIKOLU 39 — L-IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

Mhux applikabbli

## **ARTIKOLU 40 — ASSENJAZZJONIJIET TAT-TALBIET GĦAL PAGAMENT KONTRA L-[KUMMISSJONI]/[AĠENZJA]**

Il-benefiċjarji ma jistgħux jassenjaw kwalunkwe mit-talbiet tagħhom għal pagament kontra l-[Kummissjoni]/[Aġenzja] lil kwalunkwe parti terza, minbarra jekk dan ikun approvat mill-[Kummissjoni]/[Aġenzja] fuq il-bażi ta' talba motivata bil-miktub mill-koordinatur (f'isem il-benefiċjarju kkonċernat).

Jekk il-[Kummissjoni]/[Aġenzja] ma aċċettatx l-assenjazzjoni jew it-termini tagħha ma jiġux osservati, l-assenjazzjoni mhux ser ikollha effett fuqha.

Taħt l-ebda ċirkostanza ma assenjazzjoni sejra teħles lill-benefiċjarji mill-obbligi tagħhom lejn il-[Kummissjoni]/[Aġenzja].

## **KAPITOLU 5 DIVIŻJONI TAR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-BENEFIĊJARJI [— IR-RELAZZJONI MA' BENEFIĊJARJI KUMPLIMENTARI] [— IR-RELAZZJONI MAS-SĦAB F'AZZJONI KONĠUNTA]**

## **ARTIKOLU 41 — DIVIŻJONI TAR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-BENEFIĊJARJI [— IR-RELAZZJONI MA' BENEFIĊJARJI KUMPLIMENTARI] [— IR-RELAZZJONI MAS-SĦAB F'AZZJONI KONĠUNTA]**

### **41.1 Rwoli u responsabbiltajiet lejn il-[Kummissjoni]/[Aġenzja]**

Il-benefiċjarji għandhom responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u l-konformità mal-Ftehim.

Il-benefiċjarji huma responsabbli b'mod konġunt u in solidum għall-**implimentazzjoni teknika** tal-azzjoni kif spjegat fl-Anness 1. Jekk benefiċjarju jonqos milli jimplementa l-parti

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

tiegħu tal-azzjoni, il-benefiċjarji l-oħrajn isiru responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-parti (bla ma jkunu intitolati għal xi finanzjament addizzjonali ieħor mill-UE talli għamlu dan), sakemm il-[Kummissjoni][l-Aġenzija] ma tiddikjarax li teħlishom minn dan l-obbligu.

Ir-responsabbiltà finanzjarja ta' kull benefiċjarju hija rregolata mill-Artikoli 44, 45 u 46.

#### 41.2 Qasma interna tar-rwoli u r-responsabbiltajiet

Ir-rwoli interni u r-responsabbiltajiet tal-benefiċjarji huma maqsumin kif ġej:

(a) Kull benefiċjarju jrid:

- (i) iżomm l-informazzjoni maħżuna fir-Reġistru tal-Benefiċjarji (fis-sistema ta' skambju elettroniku) aġġornata (ara l-Artikolu 17);
- (ii) jgħarraf lill-koordinatur minnufih bi kwalunkwe avveniment jew ċirkustanza li aktarx li jaffettwaw b'mod notevoli jew jittardjaw l-implimentazzjoni tal-azzjoni (ara l-Artikolu 17);

(iii) jissottometti lill-koordinatur fil-ħin:

- dikjarazzjonijiet finanzjarji individwali għalih stess [u l-Partijiet Terzi Konnessi miegħu] u, jekk hemm bżonn, ċertifikati fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (ara l-Artikolu 20);
- id-dejta meħtieġa biex jitfasslu r-rapporti tekniċi (ara l-Artikolu 20);
- l-opinjoni u n-notifiki jew l-awtorizzazzjonijiet tal-kumitat tal-etika għall-attivitajiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet etiċi (ara l-Artikolu 34);
- kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħrajn meħtieġa mill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] skont il-Ftehim, sakemm il-Ftehim ma jkunx jeħtieġ li l-benefiċjarju jissottometti din l-informazzjoni direttament lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija].

(b) Il-koordinatur irid:

- (i) jara li l-azzjoni tiġi implimentata kif suppost (ara l-Artikolu 7);
- (ii) jaġixxi bħala l-intermedjarju għall-komunikazzjonijiet kollha bejn il-benefiċjarji u l-[Kummissjoni][l-Aġenzija] (b'mod partikolari, jipprovdi lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] bl-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 17), sakemm il-Ftehim ma jkunx jispeċifika xi mod ieħor;
- (iii) jitlob u janalizza kwalunkwe dokument jew informazzjoni meħtieġa mill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] u jivverifika l-kompletezza u l-korrettezza tagħhom qabel jgħaddihom lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija];

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (#afna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (iv) jissottometti l-kunsinnabbli u r-rapporti lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] (ara l-Artikoli 19 u 20);
- (v) jiżgura li l-pagamenti kollha jsiru lill-benefiċjarji l-oħrajn bla dewmien mhux iġġustifikat (ara l-Artikolu 21);
- (vi) jgħarraf lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] bl-ammonti mħallsin lil kull benefiċjarju, meta meħtieġ skont il-Ftehim (ara l-Artikoli 44 u 50) jew mitlubin mill-[Kummissjoni][Aġenzija].

Il-koordinatur ma jistax jiddelega l-kompiti msemmijin hawn fuq lil xi benefiċjarju ieħor jew jagħtihom b'sottokuntratt lil xi parti terza.

**[OPZZJONI li trid tintuża meta l-koordinatur ikun stabbiliment tal-edukazzjoni sekondarja jew għolja jew korp pubbliku u jkun hemm 'awtorizzazzjoni għall-amministrazzjoni' mogħtija lil parti terza maħluqa, ikkontrollata jew affiljata mal-koordinatur: Bħala eċċezzjoni, il-koordinatur jiddelega l-kompiti stipulati fil-Punt 2(b)(v) u (vi) iktar 'il fuq lil [daħħal isem il-parti terza b'awtorizzazzjoni għall-amministrazzjoni]. Il-koordinatur huwa l-uniku responsabbli għall-kontribuzzjoni tal-UE u għall-konformità mal-obbligi skont il-Ftehim.]**

#### **41.3 Arranġamenti interni bejn il-benefiċjarji — Ftehim tal-konsorzju**

**[OPZZJONI li trid tintuża, sakemm il-programm ta' ħidma ma jispeċifikax li ma hemm ebda bżonn għal ftehim tal-konsorzju: Il-benefiċjarji jrid ikollhom arranġamenti interni rigward l-operat u l-koordinazzjoni tagħhom biex jiżguraw li l-azzjoni tiġi implimentata kif suppost. Dawn l-arranġamenti interni jridu jiġu stipulati fi 'ftehim tal-konsorzju' bil-miktub bejn il-benefiċjarju, li jistgħu jkopru:**

- l-organizzazzjoni interna tal-konsorzju;
- il-ġestjoni tal-aċċess għas-sistema ta' skambju elettroniku;
- id-distribuzzjoni tal-finanzjament mill-UE;
- regoli addizzjonali dwar drittijiet u obbligi relatati mal-isfond u r-riżultati (inkluż jekk id-drittijiet ta' aċċess jibqgħux jew le, jekk benefiċjarju huwiex qed jikser l-obbligi tiegħu) (ara t-Taqsima 3);
- is-soluzzjoni għal tilwim intern;
- ir-responsabbiltà, l-indemnifikazzjoni u l-arranġamenti ta' kunfidenzjalità bejn il-benefiċjarji.

Il-ftehim tal-konsorzju ma jistax ikun fiħ xi dispożizzjoni li tmur kontra l-Ftehim.

**[OPZZJONI: mhux applikabbli]**

#### **41.4 Ir-relazzjoni mal-benefiċjarji kumplimentari — Ftehim ta' kollaborazzjoni**

*[OPZZJONI għal għotjiet kumplimentari jekk previsti fil-programm ta' ħidma: Il-benefiċjarji għandhom jikkonkludu 'ftehim ta' kollaborazzjoni' bil-miktub mal-benefiċjarji kumplimentari biex jikkordinaw il-ħidma taħt il-Ftehim u l-ftehim(iet) ta' għotja kumplimentari (ara l-Artikolu 2), li jkopri pereżempju:*

- *proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti u*
- *is-soluzzjoni ta' tilwim.*

*Il-ftehim ta' koordinazzjoni ma għandux jinkludi kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja għall-Ftehim.*

*Il-benefiċjarji u l-benefiċjarji kumplimentari għandhom joħolqu u jipparteċipaw f' bordijiet u strutturi konsultattivi komuni sabiex jiddeċiedu dwar il-kollaborazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tal-attivitajiet, inkluż dwar il-ġestjoni tar-riżultati, approċċi komuni lejn l-istandardizzazzjoni, l-involviment ta' SMEs, ir-rabtiet ma' attivitajiet regolatorji u ta' politika, u attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni kondiviżi b' mod komuni.*

*Il-benefiċjarji għandhom jagħtu aċċess għar-riżultati tagħhom lill-benefiċjarji kumplimentari, għall-fini tal-ftehim(iet) ta' għotja kumplimentari (ara l-Artikolu 31.6).*

*Il-benefiċjarji għandhom jikkondividu r-rapporti tekniċi (ara l-Artikolu 20.3 u 20.4). Japplikaw l-obbligi ta' kunfidenzjalità fl-Artikolu 36.]*

*[OPZZJONI: mhux applikabbli]*

#### **41.5 Ir-relazzjoni mas-sħab f'azzjoni konġunta — Ftehim ta' koordinazzjoni**

*[OPZZJONI għal azzjonijiet konġunti (sejħa konġunta ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali): Il-benefiċjarji għandhom jikkonkludu 'ftehim ta' koordinazzjoni' mal-imsieħba tal-azzjoni ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni (ara l-Artikolu 2), li jkopri pereżempju:*

- *l-organizzazzjoni interna tal-benefiċjarji fiż-żewġ azzjonijiet, inkluż il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet;*
- *ir-regoli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (pereżempju rigward il-protezzjoni, id-disseminazzjoni, l-użu u d-drittijiet ta' aċċess);*
- *is-soluzzjoni ta' tilwim intern;*
- *l-arranġamenti ta' responsabbiltà, indennizz u kunfidenzjalità bejn il-benefiċjarji fiż-żewġ azzjonijiet.*

*Il-ftehim ta' koordinazzjoni ma għandux jinkludi kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja għall-Ftehim.]*

[OPZZJONI: mhux applikabbli]

## **KAPITOLU 6 ĊAĦDA TAL-ISPEJJEŻ — TNAQQIS TAL-GĦOTJA — IRKUPRU — PENALI — DANNI — SOSPENSJONI — TERMINAZZJONI — FORCE MAJEURE**

### **TAQSIMA 1 ĊAĦDA TAL-ISPEJJEŻ — TNAQQIS TAL-GĦOTJA — IRKUPRU — PENALI**

#### **ARTIKOLU 42 — ĊAĦDA TA' SPEJJEŻ MHUX ELIĠIBBLI**

##### **42.1 Kundizzjonijiet**

42.1.1 Il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] — meta jsir **pagament interim, il-pagament tal-bilanċ** jew **wara** — ser tiċħad kwalunkwe spejjeż li mhumiex eliġibbli (ara l-Artikolu 6), b'mod partikolari wara kontrolli, reviżjonijiet, awditjar jew investigazzjonijiet (ara l-Artikolu 22).

42.1.2 Iċ-ċaħda tista' tkun ukoll ibbażata fuq l-**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22.5.2.

##### **42.2 Spejjeż mhux eliġibbli li jridu jiġu miċħuda — Kalkolu — Proċedura**

L-ispejjeż mhux eliġibbli ser jiġu miċħuda b'mod proporzjonali għall-kompiti jew il-partijiet tal-azzjoni mhux implimentati.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tiċħad l-ispejjeż **mingħajr tnaqqis tal-għotja** (ara l-Artikolu 43) jew **irkupru ta' ammonti mhux dovuti** (ara l-Artikolu 44), din ser tinnotifika b'mod formali l-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat dwar iċ-ċaħda tal-ispejjeż, l-ammonti u r-raġunijiet għal dan (jekk applikabbli, flimkien man-notifika tal-ammonti dovuti; ara l-Artikolu 21.5). Il-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat jista' — fi żmien 30 jum minn meta jirċievi notifika — jinnotifika b'mod formali lill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] dwar in-nuqqas ta' qbil tiegħu u r-raġunijiet għal dan.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tiċħad l-ispejjeż **mingħajr tnaqqis tal-għotja** jew **irkupru ta' ammonti mhux dovuti**, din ser tinnotifika b'mod formali iċ-ċaħda fl-**'ittra ta' preinformazzjoni'** dwar it-tnaqqis jew l-irkupru stabbilit fl-Artikoli 43 u 44.

##### **42.3 Effetti**

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tiċħad l-ispejjeż meta jsir **pagament interim** jew **il-pagament tal-bilanċ**, din ser tnaqqashom mill-ispejjeż totali eliġibbli, għall-azzjoni, fir-dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor perjodika jew finali (ara l-Artikoli 20.3 u 20.4) kif stipulat fl-Artikoli 21.3 jew 21.4. Din imbagħad ser tikkalkola l-pagament interim jew il-pagament tal-bilanċ.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] — **wara pagament interim** jew **qabel il-pagament tal-bilanċ** — tiċħad l-ispejjeż iddikjarati f'dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor perjodika, din ser

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

tnaqqashom mill-ispejjeż totali eliġibbli ddikjarati, wara l-azzjoni, fir-dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor perijodika li jmiss jew fid-dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor finali. Din imbagħad ser tikkalkola l-pagament interim jew il-pagament tal-bilanċ kif stabbilit fl-Artikoli 21.3 jew 21.4.

Jekk il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* tiċħad l-ispejjeż **wara l-pagament tal-bilanċ**, din ser tnaqqas l-ammont miċħud mill-ispejjeż totali eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju, fir-dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor finali. Din imbagħad ser tikkalkola l-ammont rivedut tal-għotja finali kif stabbilit fl-Artikolu 5.4.

## ARTIKOLU 43 — TNAQQIS TAL-GĦOTJA

### 43.1 Kundizzjonijiet

43.1.1 Il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* tista' — **mal-pagament tal-bilanċ** jew **wara** — tnaqqas l-ammont massimu tal-għotja (ara l-Artikolu 5.1), jekk l-azzjoni ma tkunx ġiet implimentata kif xieraq kif deskritt fl-Anness 1 jew ikun inkiser obbligu ieħor taħt il-Ftehim.

43.1.2 Il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* tista' tnaqqas ukoll l-ammont massimu tal-għotja fuq il-bażi tal-**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22.5.2.

### 43.2 Ammont li jrid jitnaqqas — Kalkolu — Proċedura

L-ammont li jrid jitnaqqas ser ikun adatt għall-implimentazzjoni mhux xierqa tal-azzjoni jew għas-serjeta tal-ksur.

Qabel tnaqqas l-għotja, il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* ser tinnotifika b'mod formali **'ittra ta' preinformazzjoni'** lill-koordinatur jew il-benefiċjarju kkonċernat:

- li tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li tnaqqas l-għotja, l-ammont li għandha l-intenzjoni li tnaqqas u r-raġunijiet għal dan u
- li tistiednu jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika.

Jekk il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* ma tirċevix kwalunkwe osservazzjonijiet jew tiddeċiedi li tkompli bit-tnaqqis minkejja l-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinnotifika b'mod formali **konferma** tat-tnaqqis (jekk applikabbli, flimkien man-notifika tal-ammonti dovuti; ara l-Artikolu 21).

### 43.3 Effetti

Jekk il-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]* tnaqqas l-għotja fiż-żmien tal-**pagament tal-bilanċ**, din ser tikkalkola l-ammont tal-għotja mnaqqas għall-azzjoni u mbagħad tiddetermina l-ammont dovut bħala pagament tal-bilanċ (ara l-Artikoli 5.3.4 u 21.4).



Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tnaqqas l-għotja **wara l-pagament tal-bilanċ**, din ser tikkalkola l-ammont finali tal-għotja rivedut għall-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 5.4). Jekk l-ammont finali tal-għotja rivedut għall-benefiċjarju kkonċernat huwa aktar baxx mis-sehem tiegħu tal-ammont finali tal-għotja, il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser tirkupra d-differenza (ara l-Artikolu 44).

## ARTIKOLU 44 — IRKUPRU TAL-AMMONTI MHUX DOVUTI

### 44.1 Ammont li għandu jiġi rkuprat — Kalkolu — Proċedura

Il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] — wara **t-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-benefiċjarju, fil-pagament tal-bilanċ** jew **wara** — ser tirkupra kwalunkwe ammont li tħallas iżda mhux dovut skont il-Ftehim.

Ir-responsabbiltà finanzjarja ta' kull benefiċjarju f'każ ta' rkupru hija limitata għad-dejn tiegħu stess [**OPZJONI jekk japplika l-Artikolu 14:** (*inklużi ammonti eċċessivi mħallsin mill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] għall-ispejjeż iddikjarati mill-Partijiet Terzi Konnessi tiegħu*)], ħlief għall-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija (ara l-Artikolu 21.4).

#### 44.1.1 Irkupru wara tmiem il-parteċipazzjoni ta' benefiċjarju

Jekk irkupru jseħħ wara t-terminazzjoni ta' parteċipazzjoni ta' benefiċjarju (inkluż il-koordinatur), il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser tirkupra l-ammont eċċessiv mill-benefiċjarju kkonċernat billi tinnotifikah b'mod formali b'nota ta' debitu (ara l-Artikolu 50.2 u 50.3). Din in-nota ser tispeċifika l-ammont li jrid jiġi rkuprat, it-termini u d-data għall-pagament.

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifika fin-nota ta' debitu, il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser **tirkupra** l-ammont:

- (a) billi '**tpaċih**' — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammont dovut lill-benefiċjarju kkonċernat mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom).

F'ċirkustanzi eċċezzjonali, biex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE, il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] jistgħu jpaċu qabel id-data tal-pagament speċifikata fin-nota ta' debitu;

- (b) [**OPZJONI jekk japplika l-Artikolu 14 u ntalbet responsabbiltà konġunta u in solidum mill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*]:** jekk *Parti Terza Konnessa aċċettat responsabbiltà konġunta u in solidum (ara l-Artikolu 14), billi **żammet lill-parti terza responsabbli** sal-kontribuzzjoni massima tal-UE indikata, għall-Parti Terza Konnessa, fil-baġit stmat (ara l-Anness 2) u/jew **[[OPZJONI: mhux appikabbli, u/jew]***
- (c) billi **tieħu azzjoni legali** jew billi **tadotta deċizzjoni infurzabbli** skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) [*u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom*] (ara l-Artikolu 57).

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifika fin-nota ta' debitu, l-ammont li jrid jiġi rkuprat (ara iktar 'il fuq) ser jiżdied bl-**imgħax għal pagament tardiv** bir-rata stipulata fl-Artikolu 21.11, mill-għada tad-data tal-pagament fin-nota ta' debitu, sa u inkluża d-data li fiha l-[*Kummissjoni*]/[*l-Aġenzija*] tirċievi pagament sħiħ tal-ammont.

Pagamenti parzjali ser jiġu kkreditati l-ewwel kontra spejjeż, imposti u mgħax għal pagament tardiv u mbagħad kontra l-kapital.

L-imposti tal-bank imġarrbin fil-proċess ta' rkupru ser jiġġarrbu mill-benefiċjarju, sakemm ma tapplikax id-Direttiva 2007/64/KE<sup>10</sup>.

#### 44.1.2 Irkupru mal-pagament tal-bilanċ

Jekk il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru (ara l-Artikolu 21.4), il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser tinnotifika b'mod formali '**ittra ta' preinformazzjoni**' lill-koordinatur:

- li tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li tirkupra, l-ammont dovut bħala l-bilanċ u raġunijiet għal dan;
- li tispeċifika li għandha l-intenzjoni li tnaqqas l-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija;
- li titlob lill-koordinatur sabiex jissottometti rapport fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti lill-benefiċjarji fi żmien 30 jum mir-riċevuta tan-notifika, u
- li tistieden lill-koordinatur jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika.

Jekk l-ebda osservazzjoni ma tiġi sottomessa jew il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tiddeċiedi li tkompli bl-irkupru minkejja l-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser **tikkonferma l-irkupru** (flimkien man-notifikatal-ammonti dovuti; ara l-Artikolu 21.5) u:

- ser tħallas id-differenza bejn l-ammont li jrid jiġi rkuprat u l-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija, **jekk id-differenza hija pożittiva** jew
- ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur **nota ta' debitu** għad-differenza bejn l-ammont li jrid jiġi rkuprat u l-ammont miżmum għall-Fond ta' Garanzija, **jekk id-differenza hija negattiva**. Din in-nota ser tispeċifika wkoll it-termini u d-data tal-pagament.

Jekk il-koordinatur ma jħallasx lura lill-[*Kummissjoni*]/[*l-Aġenzija*] sad-data fin-nota ta' debitu u ma jkunx issottometta rapport fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti: il-

<sup>10</sup> Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 05.12.2007, p. 1).

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

[Kummissjoni][l-Aġenzija] ser **tirkupra** l-ammont stipulat fin-nota ta' debitu mill-koordinatur (ara hawn taħt).

Jekk il-koordinatur ma jħallasx lura lill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] sad-data fin-nota ta' debitu, iżda jkun issottometta r-rapport dwar id-distribuzzjoni tal-pagamenti: il-[Kummissjoni][l-Aġenzija] ser:

(a) tidentifika l-benefiċjarji li għalihom l-ammont ikkalkola kif ġej huwa negattiv:

{ { {spejjeż tal-benefiċjarju ddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja sommarja finali u approvata mlil-[Kummissjoni][l-Aġenzija] multiplikati bir-rata ta' rimborż stipulata fl-Artikolu 5.2 għall-benefiċjarju kkonċernat

[flimkien ma'

*l-ispejjeż tal-Partijiet Terzi Konnessi miegħu iddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja sommarja finali u approvata mlil-[Kummissjoni][l-Aġenzija] multiplikati bir-rata ta' rimborż stipulata fl-Artikolu 5.2 għal kull Parti Terza Konnessa kkonċernata}*

diviżi

bil-kontribuzzjoni tal-UE għall-azzjoni kkalkolata skont l-Artikolu 5.3.1}

multiplikata

bl-ammont tal-għotja finali (ara l-Artikolu 5.3)),

neqes

{il-pagamenti ta' prefinanzjament u interim riċevuti mill-benefiċjarju}}.

(b) tinnotifika b'mod formali lil kull benefiċjarju identifikat skont il-punt (a) **nota ta' debitu** li tispeċifika t-termini u d-data għall-pagament. L-ammont tan-nota ta' debitu hija kkalkolata kif ġej:

{ { ammont ikkalkolat skont il-punt (a) għall-benefiċjarju kkonċernat

diviż

bis-somma tal-ammonti kkalkolati skont il-punt (a) għall-benefiċjarji kollha identifikati skont il-punt (a)}

multiplikata

bl-ammont stipulat fin-nota ta' debitu notifikata b'mod formali lill-koordinatur }.

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifikata fin-nota ta' debitu, il-[Kummissjoni][Aġenzija] ser **tirkupra** l-ammont:

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (a) billi **tpaċih** — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammonti dovuti lill-benefiċjarju kkonċernat mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom).

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE, il-[Kummissjoni][Aġenzija] tista' tpaċih qabel id-data tal-pagament speċifikata fin-nota ta' debitu;

- (b) billi **tiġbed mill-Fond ta' Garanzija**. Il-[Kummissjoni][Aġenzija] ser tinforma b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat bin-nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija u tirkupra l-ammont:

- (i) *[OPZJONI jekk japplika l-Artikolu 14 u ntalbet responsabbiltà solidali mill-Kummissjoni][Aġenzija]: jekk Parti Terza Konnessa aċċettat ir-responsabbiltà solidali (ara l-Artikolu 14), billi **żżomm il-parti terza responsabbli** sal-kontribuzzjoni massima tal-UE indikata, għall-Parti Terza Konnessa, fil-baġit stmat (ara l-Anness 2) u/jew][OPZJONI: mhux applikabbli]*
- (ii) billi **tieħu azzjoni legali** jew billi **tadotta deċiżjoni infurzabbli** taħt l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) [u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom] (ara l-Artikolu 57).

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, l-ammont li jrid jiġi rkuprat (ara hawn fuq) ser jiżdied bl-**imgħax għal pagament tard** bir-rata stabbilita fl-Artikolu 21.11, mill-jum wara d-data ta' pagament fin-nota ta' debitu, sa u inkluża d-data li fiha l-[Kummissjoni][Aġenzija] tirċievi pagament sħiħ tal-ammont.

Pagamenti parzjali l-ewwel ser jiġu kkreditati kontra l-ispejjeż, l-imposti u l-imgħax għal pagament tard u mbaġhad kontra l-prinċipju.

L-imposti tal-bank imħallsa fil-proċess ta' rkupru ser ikunu għall-benefiċjarju, sakemm ma tapplikax id-Direttiva 2007/64/KE.

#### 44.1.3 Irkupru tal-ammonti wara l-pagament tal-bilanċ

Jekk, għal benefiċjarju, l-ammont finali tal-għotja rivedut (ara l-Artikolu 5.4) huwa aktar baxx mis-sehem tiegħu tal-ammont finali tal-għotja, irid iħallas mill-ġdid id-differenza lill-[Kummissjoni][Aġenzija].

Is-sehem tal-benefiċjarju mill-ammont tal-għotja fniali huwa kkalkolat kif ġej:

{ { l-ispejjeż tal-benefiċjarju ddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja sommarja finali u approvata mill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] multiplikati bir-rata ta' rimborż stipulata fl-Artikolu 5.2 għall-benefiċjarju kkonċernat

[flimkien ma'

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

*l-ispejjeż tal-Partijiet Terzi Konnessi miegħu ddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja sommarja finali u approvata mill-[Kummissjoni][l-Aġenzija] multiplikati bir-rata ta' rimborż stipulata fl-Artikolu 5.2 għal kull parti terza kkonċernata assoċjata}*

diviżi

bil-kontribuzzjoni tal-UE għall-azzjoni kkalkolata skont l-Artikolu 5.3.1}

moltiplikata

bl-ammont tal-għotja finali (ara l-Artikolu 5.3)}.

Jekk il-koordinatur ma jkunx qassam l-ammonti riċevuti (ara l-Artikolu 21.7), il-Kummissjoni ser tirkupra dawn l-ammonti wkoll.

Il-[Kummissjoni][Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali **ittra ta' preinformazzjoni** lill-benefiċjarju kkonċernat:

- li tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li tirkupra, l-ammont dovut u r-raġunijiet għal dan u
- li tistiednu jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika.

Jekk l-ebda osservazzjoni ma tiġi sottomessa jew il-[Kummissjoni][Aġenzija] tiddeċiedi li ssegwi l-irkupru minkejja l-osservazzjoni li tkun irċeviet, din ser **tikkonferma** l-ammont li jrid jiġi rkuprat u ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat **nota ta' debitu**. Din in-nota ser tispeċifika wkoll it-termini u d-data għall-pagament.

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifikata fin-nota ta' debitu, il-[Kummissjoni][Aġenzija] ser **tirkupra** l-ammont:

- (a) billi **tpaċih** — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammont dovut lill-benefiċjarju kkonċernat mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom).

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE, il-[Kummissjoni][Aġenzija] tista' tpaċih qabel id-data tal-pagament speċifikata fin-nota ta' debitu;

- (b) billi **tiġbed mill-Fond ta' Garanzija**. Il-[Kummissjoni][Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat bin-nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija u tirkupra l-ammont:

- (i) **[OPZZJONI jekk japplika l-Artikolu 14 u ntabet responsabbiltà solidali mill-[Kummissjoni][Aġenzija]:** jekk Parti Terza Konnessa aċċettat ir-responsabbiltà solidali (ara l-Artikolu 14), billi **żżomm il-parti terza responsabbli** sal-kontribuzzjoni massima tal-UE indikata, għall-Parti Terza Konnessa, fil-baġit stmat (ara l-Anness 2) u/jew **[OPZZJONI: mhux applikabbli]**

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (ii) billi **tieħu azzjoni legali** jew billi **tadotta deċiżjoni infurzabbli** taħt l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) [u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom] (ara l-Artikolu 57).

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, l-ammont li jrid jiġi rkuprat (ara hawn fuq) ser jiżdied bl-**imgħax għal pagament tard** bir-rata stabbilita fl-Artikolu 21.11, mill-jum wara d-data ta' pagament fin-nota ta' debitu, sa u inkluża d-data li fiha l-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tirċievi pagament sħiħ tal-ammont.

Pagamenti parzjali l-ewwel ser jiġu kkreditati kontra l-ispejjeż, l-imposti u l-imgħax għal pagament tard u mbagħad kontra l-kapital.

L-imposti tal-bank imħallsa fil-proċess ta' rkupru ser ikunu għall-benefiċjarju, sakemm ma tapplikax id-Direttiva 2007/64/KE.

## ARTIKOLU 45 — PENALI AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI

### 45.1 Kundizzjonijiet

Skont l-Artikoli 109 u 131(4) tar-Regolament Finanzjarju Nru 966/2012, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' timponi **penali amministrattivi** u **finanzjarji** jekk benefiċjarju:

- (a) ikun ikkommetta żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi jew ikun għamel ksur serju tal-obbligi tiegħu taħt il-Ftehim jew
- (b) ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz dwar l-informazzjoni meħtieġa taħt il-Ftehim jew għas-sottomissjoni tal-proposta (jew ma jkunx ipprova tali informazzjoni).

Kull benefiċjarju huwa responsabbli mill-pagament tal-penali finanzjarji imposti fuqu.

Skont l-Artikolu 109(3) tar-Regolament Finanzjarju Nru 966/2012, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' — taħt ċertu kundizzjonijiet u limiti — tippubblika deċiżjonijiet li jimponu penali amministrattivi jew finanzjarji.

### 45.2 Tul — Ammont tal-penali — Kalkolu

**Il-penali amministrattivi** eskcludu l-benefiċjarju mill-kuntratti u l-għotjiet kollha ffinanzjati mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom għal perjodu massimu ta' ħames snin mid-data meta jiġi stabbilit il-ksur mill-[Kummissjoni]/[Aġenzija].

Jekk il-benefiċjarju jikkommetti ksur ieħor fi żmien ħames snin mid-data meta jiġi stabbilit l-ewwel ksur, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' testendi l-perjodu ta' esklużjoni sa 10 snin.

**Il-pieni finanzjarji** ser ikunu bejn 2 % u 10 % tal-kontribuzzjoni massima tal-UE indikata, għall-benefiċjarju kkonċernata, fil-baġit stmat (ara l-Anness 2).

Jekk il-benefiċjarju jikkommetti ksur ieħor fi żmien ħames snin mid-data meta jiġi stabbilit l-ewwel ksur, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' żżid ir-rata tal-penali finanzjarji sa bejn 4 % u 20 %.

### 45.3 Proċedura

Qabel ma tapplika penali, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat:

- biex tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li timponi penali, it-tul tagħha jew l-ammont u r-raġunijiet għal din u
- tistiednu jossottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum.

Jekk il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ma tirċevix kwalunkwe osservazzjoni jew tiddeċiedi li timponi l-penali irrispettivament mill-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinnotifika b'mod formali **konferma** tal-penali lill-benefiċjarju kkonċernat u — fil-każ ta' pieni finanzjarji — tnaqqas il-penali mill-pagament tal-bilanċ jew tinnotifika b'mod formali **nota ta' debitu**, fejn tispeċifika l-ammont li ser jiġi rkuprat, it-termini u d-data għall-pagament.

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifikata fin-nota ta' debitu, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser **tirkupra** l-ammont:

- (a) billi **tpaċih** — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammont dovut lill-benefiċjarju kkonċernat mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom).

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' tpaċih qabel id-data tal-pagament speċifikata fin-nota ta' debitu;

- (b) billi **tieħu azzjoni legali** jew billi **tadotta deċiżjoni infurzabbli** taħt l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) [u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom] (ara l-Artikolu 57).

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, l-ammont li jrid jiġi rkuprat (ara hawn fuq) ser jiżdied bl-**imgħax għal pagament tard** bir-rata stabbilita fl-Artikolu 21.11, mill-jum wara d-data ta' pagament fin-nota ta' debitu, sa u inkluża d-data li fiha l-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tirċievi pagament sħiħ tal-ammont.

Pagamenti parzjali l-ewwel ser jiġu kkreditati kontra l-ispejjeż, l-imposti u l-imgħax għal pagament tard u mbagħad kontra l-kapital.

L-imposti tal-bank imħallsa fil-proċess ta' rkupru ser ikunu għall-benefiċjarju, sakemm ma tapplikax id-Direttiva 2007/64/KE.

## **TAQSIMA 2   RESPONSABBILTÀ GĦAD-DANNI**

### **ARTIKOLU 46 — RESPONSABBILTÀ GĦAD-DANNI**

#### **46.1   Responsabbiltà tal-[Kummissjoni]/[Aġenzija]**

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-benefiċjarji (lil partijiet terzi) bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż għal negliġenza gravi.

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-benefiċjarji jew partijiet terzi involuti fl-azzjoni, bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

#### **46.2   Responsabbiltà tal-benefiċjarji**

##### **46.2.1 Kundizzjonijiet**

Minbarra fil-każ ta' *force majeure* (ara l-Artikolu 51), il-benefiċjarji għandhom jikkompensaw lill-[Kummissjoni]/[Aġenzija] għal kwalunkwe dannu li jkollha bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-azzjoni jew għaliex l-azzjoni ma tkunx ġiet implimentata f'konformità sħiħa mal-Ftehim.

Kull benefiċjarju huwa responsabbli mill-pagament tad-danni mitlubin minnu.

##### **46.2.2 Ammont ta' danni — Kalkolu**

L-ammont li l-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' titlob mill-benefiċjarju ser jikkorrispondi għad-dannu kkawżat minn dak il-benefiċjarju.

##### **46.2.3 Proċedura**

Qabel ma titlob id-danni, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-benefiċjarju kkonċernat:

- biex tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li titlob id-danni, l-ammont u r-raġunijiet għal dan u
- tistiednu jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum.

Jekk il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ma tirċevix kwalunkwe osservazzjoni jew tiddeċiedi li titlob danni irrispettivament mill-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinnotifika b'mod formali **konferma** tat-talba għal danni u **nota ta' debitu**, fejn tispeċifika l-ammont li ser jiġi rkuprat, it-termini u d-data għall-pagament.

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data speċifikata fin-nota ta' debitu, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser **tirkupra** l-ammont:



H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (a) billi **tpaċih** — mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju — ma' kwalunkwe ammont dovut lill-benefiċjarju kkonċernat mill-Kummissjoni jew aġenzija eżekuttiva (mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom).

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' tpaċih qabel id-data tal-pagament speċifikata fin-nota ta' debitu;

- (b) billi **tieħu azzjoni legali** jew billi **tadotta deċiżjoni infurzabbli** taħt l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) [u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom] (ara l-Artikolu 57).

Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, l-ammont li jrid jiġi rkuprat (ara hawn fuq) ser jiżdied bl-**imgħax għal pagament tard** bir-rata stabbilita fl-Artikolu 21.11, mill-jum wara d-data ta' pagament fin-nota ta' debitu, sa u inkluża d-data li fiha l-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tirċievi pagament sħiħ tal-ammont.

Pagamenti parzjali l-ewwel ser jiġu kkreditati kontra l-ispejjeż, l-imposti u l-imgħax għal pagament tard u mbagħad kontra l-kapital.

L-imposti tal-bank imħallsa fil-proċess ta' rkupru ser ikunu għall-benefiċjarju, sakemm ma tapplikax id-Direttiva 2007/64/KE.

### **TAQSIMA 3 SOSPENSJONI U TERMINAZZJONI**

#### **ARTIKOLU 47 — SOSPENSJONI TAD-DATA TAL-ISKADENZA TAL-PAGAMENT**

##### **47.1 Kundizzjonijiet**

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' — fi kwalunkwe mument — tissospendi d-data tal-iskadenza tal-pagament (ara l-Artikolu 21.2 sa 21.4) jekk talba għal pagament (ara l-Artikolu 20) ma tistax tiġi approvata għaliex:

- (a) ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim (ara l-Artikolu 20);
- (b) ir-rapporti tekniċi jew ir-rapporti finanzjarji ma jkunux ġew sottomessi jew mhumieħ kompluti jew hija meħtieġa informazzjoni addizzjonali, jew
- (c) hemm dubju dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż iddikjarati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji u huma meħtieġa kontrolli, reviżjonijiet, awditjar jew investigazzjonijiet addizzjonali.

##### **47.2 Proċedura**

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur dwar is-sospensjoni u r-raġunijiet għal dan.

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Is-sospensjoni ser **tidħol fis-seħħ** fil-jum li n-notifika tintbagħat mill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] (ara l-Artikolu 52).

Jekk il-kundizzjonijiet għas-sospensjoni tad-data tal-iskadenza tal-pagament ma jibqgħux jintlaħqu, is-sospensjoni ser **titneħħa** — u l-perjodu li jkun fadal jerġa' jibda.

Jekk is-sospensjoni taqbeż ix-xahrejn, il-koordinatur jista' jitlob lill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] jekk is-sospensjoni ser titkompliex.

Jekk id-data tal-iskadenza tal-pagament tkun ġiet sospiżza minħabba n-nuqqas ta' konformità tar-rapporti tekniċi jew finanzjarji (ara l-Artikolu 20) u r-rapport jew ir-rendiment rivedut ma jiġix sottomess jew ġie sottomess iżda ġie wkoll miċħud, il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tista' wkoll ittemm il-Ftehim jew il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarju (ara l-Artikolu 50.3.1(l)).

## ARTIKOLU 48 — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI

### 48.1 Kundizzjonijiet

Il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tista' — fi kwalunkwe mument — tissospendi, kompletament jew parzjalment, il-pagament ta' prefinanzjament u l-pagamenti interim għal benefiċjarju wieħed jew iktar jew il-pagament tal-bilanċ għall-benefiċjarji kollha, jekk benefiċjarju:

- (a) ikun ikkommetta jew huwa suspettat li jkun ikkommetta żbalji sostanzjali, irregolaritajiet, frodi jew ksur serju tal-obbligi fil-proċedura ta' għotja jew taħt dan il-Ftehim jew
- (b) ikun ikkommetta — f'għotjiet oħra tal-UE jew tal-Euratom mogħtija lilu taħt kundizzjonijiet simili — żbalji sistematiċi jew rikorrenti, irregolaritajiet, frodi jew ksur serju tal-obbligi li għandhom impatt materjali fuq din l-għotja (**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**; ara l-Artikolu 22.5.2).

### 48.2 Proċedura

Qabel ma tissospendi l-pagamenti, il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur:

- biex tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-pagamenti u r-raġunijiet għal dan u
- tistiednu jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ma tirċevix kwalunkwe osservazzjoni jew tiddeċiedi li tkompli bil-proċedura irrispettivament mill-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinnotifika b'mod formali **konferma** tas-sospensjoni. Inkella din ser tinnotifika b'mod formali li l-proċedura ta' sospensjoni mhux ser tkompli.

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Is-sospensjoni ser **tidħol fis-seħħ** fil-jum li fiha tintbagħat in-notifika ta' konferma mill-[Kummissjoni][Aġenzija].

Jekk il-kundizzjonijiet biex jergġu jibdew isiru l-pagamenti jintlaħqu, is-sospensjoni **titneħħa**. Il-Kummissjoni ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur b'dan.

Matul is-sospensjoni, ir-rapport(i) perjodiċi (ara l-Artikolu 20.3) ma jistax ikun fihom xi dikjarazzjoni finanzjarja individwali mill-benefiċjarji kkonċernat [u l-Partijiet Terzi Konnessi miegħu]. Meta l-[Kummissjoni][Aġenzija] terġa' tibda tagħmel il-pagamenti, il-koordinatur jista' jinkludihom fir-rapport perjodiku li jmiss.

Il-benefiċjarji jistgħu jissospendu l-implimentazzjoni tal-azzjoni (ara l-Artikolu 49.1) jew itemm il-Ftehim jew il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 50.1 u 50.2).

## ARTIKOLU 49 — SOSPENSJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONI

### 49.1 Sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni, mill-benefiċjarji

#### 49.1.1 Kundizzjonijiet

Il-benefiċjarji jistgħu jissospendu l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew kwalunkwe parti tagħha, jekk ċirkostanzi eċċezzjonali — b'mod partikolari *force majeure* (ara l-Artikolu 51) — jagħmlu l-implimentazzjoni impossibbli jew diffiċli ħafna.

#### 49.1.2 Proċedura

Il-koordinatur għandu jinnotifika b'mod formali u minnufih lill-[Kummissjoni][Aġenzija] dwar is-sospensjoni (ara l-Artikolu 52), billi jiddikjara:

- ir-raġunijiet għal dan u
- id-data mistennija tat-tkomplija.

Is-sospensjoni ser **tidħol fis-seħħ** fil-jum meta n-notifika tiġi riċevuta mill-[Kummissjoni][Aġenzija].

Malli ċ-ċirkostanzi jippermetti li titkompla l-implimentazzjoni, il-koordinatur għandu jinnotifika b'mod formali u minnufih lill-[Kummissjoni][Aġenzija] u jitlob **emenda** tal-Ftehim biex tiġi stabbilita d-data li fiha ser titkompla l-azzjoni, jiġi estiż it-tul tal-azzjoni u jsiru l-bidliet meħtieġa biex l-azzjoni tiġi adattata għas-sitwazzjoni l-għdida (ara l-Artikolu 55) — sakemm il-Ftehim jew il-parteċipazzjoni ta' benefiċjarju tkun intemmet (ara l-Artikolu 50).

Is-sospensjon ser **titneħħa** b'effett mid-data ta' tkomplija stabbilita fl-emenda. Din id-data tista' tkun qabel id-data li fiha l-emenda tidħol fis-seħħ.

L-ispejjeż li jkun hemm matul is-sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni mhumiex eliġibbli (ara l-Artikolu 6).

## 49.2 Sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni, mill-[Kummissjoni]/[Aġen]

### 49.2.1 Kundizzjonijiet

Il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] tista' tissospendi l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew kwalunkwe parti minnha:

- (a) jekk benefiċjarju jkun ikkommetta jew huwa ssuspettat li kkommetta żbalji sostanzjali, irregolaritajiet, frodi jew ksur serju tal-obbligi fil-proċedura ta' għotja jew taħt dan il-Ftehim;
- (b) jekk benefiċjarju jkun ikkommetta — f'għotjiet oħra tal-UE jew tal-Euratom mogħtija lilu taħt kundizzjonijiet simili — żbalji sistematiċi jew rikorrenti, irregolaritajiet, frodi jew ksur serju tal-obbligi li għandhom impatt materjali fuq din l-għotja (**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**; ara l-Artikolu 22.5.2), jew
- (c) jekk l-azzjoni hija suspettata li tilfet ir-rilevanza xjentifika jew teknoloġika tagħha.

### 49.2.2 Proċedura

Qabel ma tissospendi l-implimentazzjoni tal-azzjoni, il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur:

- biex tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-implimentazzjoni u r-raġunijiet għal dan u
- tistiednu jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika.

Jekk il-[Kummissjoni]/[Aġenzija] ma tirċevix osservazzjonijiet jew tiddeċiedi li titlob li tkompli bil-proċedura irrispettivament mill-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinnotifika b'mod formali **konferma** tas-sospensjoni. Inkella din ser tinnotifika b'mod formali li l-proċedura ta' sospensjoni mhux ser tkompli.

Is-sospensjoni ser **tidħol fis-seħħ** ħamest ijiem wara li l-koordinatur ikun irċieva n-notifika ta' konferma (jew f'data aktar tard speċifikata fin-notifika).

Din ser **titneħħa** jekk il-kundizzjonijiet biex titkompla l-implimentazzjoni tal-azzjoni jintlaħqu.

Il-koordinatur ser jiġi nnotifikat b'mod formali dwar it-tneħħija tas-sospensjoni u l-Ftehim ser jiġi **emendat** biex tiġi stabbilita d-data li fiha ser titkompla l-azzjoni, jiġi estiż it-tul tal-azzjoni u jsiru l-bidliet meħtieġa biex l-azzjoni tiġi adattata għas-sitwazzjoni l-għdida (ara l-Artikolu 55) — sakemm il-Ftehim ikun intemm (ara l-Artikolu 50).

Is-sospensjoni ser titneħħa b'effett mid-data ta' tkomplija stabbilita fl-emenda. Din id-data tista' tkun qabel id-data li fiha l-emenda tidħol fis-seħħ.

L-ispejjeż li jkun hemm matul is-sospensjoni mhumiex eliġibbli (ara l-Artikolu 6).

Il-benefiċjarji ma jistgħux jfittxu għad-danni minħabba s-sospensjoni lill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] (ara l-Artikolu 46).

Is-sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni ma taffettwax id-dritt tal-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] li ttejjm il-Ftehim jew parteċipazzjoni ta' benefiċjarju (ara l-Artikolu 50), tnaqqas l-għotja jew tirkupra ammonti li mhux suppost tħallsu (ara l-Artikoli 43 u 44).

## ARTIKOLU 50 — TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM JEW TAL-PARTEĊIPAZZJONI GĦAL BENEFIĊJARJU WIEĦED JEW IKTAR

### 50.1 Terminazzjoni tal-Ftehim, mill-benefiċjarji

#### 50.1.1 Kundizzjonijiet u proċedura

Il-benefiċjarji jistgħu jtemmu l-Ftehim.

Il-koordinatur għandu jinnotifika b'mod formali lill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] (ara l-Artikolu 52), fejn jiddikjara:

- ir-raġunijiet għal dan u
- id-data li fiha ser tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni. Din id-data għandha tkun wara n-notifika.

Jekk ma jingħatawx raġunijiet jew jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tqis li r-raġunijiet ma jġġustifikawx it-terminazzjoni, il-Ftehim ser jitqies li kien **'itterminat b'mod mhux xieraq'**.

It-terminazzjoni ser **tidħol fis-seħħ** fil-jum speċifikat fin-notifika.

#### 50.1.2 Effetti

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ma tirċivix ir-rapport sad-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ma tintradd lura ebda spiża.

Il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] ser **tikkalkola l-ammont finali tal-għotja** (ara l-Artikolu 5.3) u l-bilanċ (ara l-Artikolu 21), fuq il-bażi tar-rapport sottomess, l-ispejjeż eliġibbli u l-konformità ma' obbligi oħrajn skont il-Ftehim.

Fil-każ ta' **terminazzjoni mhux xierqa**, l-għotja ser titnaqqas b'100% (ara l-Artikolu 43).

### 50.2 Terminazzjoni tal-parteċipazzjoni għal benefiċjarju wieħed jew iżjed, mill-benefiċjarji

### 50.2.1 Kundizzjonijiet u proċedura

Il-parteciċipazzjoni ta' benefiċjarju wieħed jew iktar tista' tiġi terminata mill-koordinatur, fuq talba tal-benefiċjarju kkonċernat jew f'isem il-benefiċjarji l-oħrajn.

Il-koordinatur irid jinnotifika b'mod formali t-terminazzjoni lill-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] (ara l-Artikolu 52) u jgħarraf lill-benefiċjarju kkonċernat.

Jekk il-parteciċipazzjoni tal-koordinatur tiġi terminata mingħajr il-qbil tiegħu, in-notifika formali trid issir minn benefiċjarju ieħor (li jaġixxi f'isem benefiċjarji oħrajn).

In-notifika trid tinkludi:

- ir-raġunijiet għaliex;
- l-opinjoni tal-benefiċjarju kkonċernat (jew prova li din l-opinjoni ntalbet bil-miktub);
- id-data li fiha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni. Id-data trid tkun wara n-notifika, u
- talba għal emenda (ara l-Artikolu 55), bi proposta għar-riallokazzjoni tal-kompiti u l-baġit stmat tal-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Annessi 1 u 2) u, jekk hemm bżonn, iż-żieda ta' benefiċjarju ġdid jew benefiċjarji ġodda (ara l-Artikoli 56). Jekk it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ wara l-perjodu stipulat fl-Artikolu 3, ma trid tkun inkluża ebda talba għal emenda sakemm il-benefiċjarju kkonċernat ma jkunx il-koordinatur. F'dan il-każ, it-talba għal emenda trid tippoġni koordinatur ġdid.

Jekk din l-informazzjoni ma tingħatax jew jekk il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] tqis li r-raġunijiet ma jiġġustifikawx terminazzjoni, il-parteciċipazzjoni ser titqies li ġiet **terminata mhux kif suppost**.

It-terminazzjoni ser **tidħol fis-seħħ** fil-jum speċifikat fin-notifika.

### 50.2.2 Effetti

Il-koordinatur — fi żmien 30 jum minn meta tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni — irid jissottometti:

- (i) rapport fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti lill-benefiċjarju kkonċernat u
- (ii) jekk it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 3, '**rapport ta' terminazzjoni**' mill-benefiċjarju kkonċernat, għall-ftuħ tal-perjodu ta' rapportar sat-terminazzjoni, li jkun fih ħarsa ġenerali lejn il-progress tax-xogħol, ħarsa ġenerali lejn l-użu tar-riżorsi, id-dikjarazzjoni finanzjarja individwali u, jekk applikabbli, iċ-ċertifikat dwar id-dikjarazzjoni finanzjarja (ara l-Artikolu 20.3 u 20.4).

L-informazzjoni fir-rapport ta' terminazzjoni trid tkun inkluża wkoll fir-rapport perjodiku għall-perjodu ta' rapportar li jmiss (ara l-Artikolu 20.3).

Jekk it-talba għal emenda tkun rifjutata mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* għaliex tixħet dubju fuq id-deċiżjoni ta' għoti tal-għotja jew tikser il-prinċipju ta' trattament indaqs tal-applikanti, il-Ftehim jista' jiġi terminat skont l-Artikolu 50.3.1(c).

Jekk it-talba għal emenda tintlaqa' mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]*, il-Ftehim jiġi **emendat** biex jiddaħħlu l-bidliet meħtieġa (ara l-Artikolu 55).

Il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser **tikkalkola** — abbażi tar-rapporti perjodiċi, ir-rapport ta' terminazzjoni u r-rapport dwar it-tqassim tal-pagamenti — jekk il-pagamenti (ta' prefinanzjament u interim) riċevuti mill-benefiċjarju kkonċernat jaqbżux il-kontribuzzjoni mill-UE għall-benefiċjarju (ikkalkolata billi tiġi applikata r-rata/i ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji *[u l-partijiet terzi konnessi miegħu]* u approvata mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]*). Huma biss l-ispejjeż imġarrbin mill-benefiċjarju kkonċernat sakemm tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni li huma eliġibbli (ara l-Artikolu 6). Spejjeż relatati ma' kuntratti li ser jiskadu biss wara t-terminazzjoni mhumiex eliġibbli.

Jekk il-pagamenti riċevuti **jaqbżu l-ammonti dovuti**:

- jekk it-terminazzjoni sseħħ matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 3 u t-talba għal emenda tintlaqa', il-benefiċjarju kkonċernat irid iħallas lura lill-koordinatur l-ammont eċċessiv riċevut. Il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser jinnotifikaw b'mod formali l-ammont eċċessiv riċevut u jitolbu lill-benefiċjarju kkonċernat iħallsu lura lill-koordinatur fi żmien 30 jum mir-riċevuta tan-notifika. Jekk ma jħallasx lura lill-koordinatur, il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tieħu mill-Fond ta' Garanzija biex tħallas lill-koordinatur u mbagħad tinnotifika **nota ta' debitu** f' isem il-Fond ta' Garanzija lill-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 44);
- fil-każijiet l-oħrajn kollha (b'mod partikolari jekk terminazzjoni tidħol fis-seħħ wara l-perjodu stipulat fl-Artikolu 3), il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tinnotifika b'mod formali **nota ta' debitu** lill-benefiċjarju kkonċernat. Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, il-Fond ta' Garanzija ser iħallas lill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* l-ammont dovut u l-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tinnotifika nota ta' debitu f' isem il-Fond ta' Garanzija lill-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 44);
- jekk il-benefiċjarju kkonċernat huwa l-eks koordinatur, irid iħallas lura lill-koordinatur il-ġdid l-ammont eċċessiv riċevut, sakemm:
  - it-terminazzjoni ma tidħolx fis-seħħ wara pagament interim u
  - l-eks koordinatur ikun għadu ma qassamx l-ammonti riċevuti bħala pagamenti ta' prefinanzjament jew interim (ara l-Artikolu 21.7).

F'dan il-każ, il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tinnotifika b'mod formali **nota ta' debitu** lill-eks koordinatur. Jekk ma jsirx pagament sad-data fin-nota ta' debitu, il-Fond ta' Garanzija ser iħallas l-ammont dovut lill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]*. Imbagħad, il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tħallas lill-koordinatur il-ġdid u

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

tinnotifika nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija lill-eks koordinatur (ara l-Artikolu 44).

Jekk il-pagamenti riċevuti **ma jaqbx l-ammonti dovuti**: amonti dovuti lill-benefiċjarju kkonċernat ser ikunu inklużi fil-pagament interim jew finali li jmiss.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*l-Aġenzija*] ma tirċivix ir-rapport ta' terminazzjoni fi ħdan id-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni biss l-ispejjeż inklużi f'rapport perjodiku approvat.

Jekk il-[*Kummissjoni*]/[*l-Aġenzija*] ma tirċivix ir-rapport dwar id-distribuzzjoni tal-pagamenti fi ħdan id-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ser tqis li:

- il-koordinatur ma qassam ebda pagament lill-benefiċjarju kkonċernat u li
- il-benefiċjarju kkonċernat ma għandux irodd lura xi ammont lill-koordinatur.

Terminazzjoni mhux kif suppost tista' twassal għal tnaqqis tal-għotja (ara l-Artikolu 43) jew terminazzjoni tal-Ftehim (ara l-Artikolu 50).

Wara t-terminazzjoni, jibqgħu japplikaw l-obbligi tal-benefiċjarju kkonċernat (b'mod partikolari l-Artikoli 20, 22, 23, Taqsima 3 tal-Kapitolu 4, 36, 37, 38 u 40).

### **50.3 Terminazzjoni tal-Ftehim jew parteċipazzjoni għal benefiċjarju wieħed jew iktar mill-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*]**

#### **50.3.1 Kundizzjonijiet**

Il-[*Kummissjoni*]/[*Aġenzija*] tista' ttemm il-Ftehim jekk jew il-parteċipazzjoni ta' benefiċjarju wieħed jew iktar, jekk:

- (a) benefiċjarju wieħed jew iktar ma jaċċedux għall-Ftehim (ara l-Artikolu 56);
- (b) bidla fis-sitwazzjoni legali, finanzjarja, teknika, organizzazzjonali jew ta' sjieda tagħhom [*(jew dawk tal-Partijiet Terzi Konnessi miegħu)*] probabbli taffettwa b'mod sostanzjali jew iddewwem l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew twassal għal dubji dwar id-deċiżjoni li tingħata l-għotja;
- (c) wara t-terminazzjoni ta' parteċipazzjoni għal benefiċjarju wieħed jew iktar (ara iktar 'il fuq), il-bidliet meħtieġa għall-Ftehim jixħtu dubju fuq id-deċiżjoni ta' għoti tal-għotja jew jiksru l-prinċipju ta' trattament indaqs tal-applikanti (ara l-Artikolu 55);
- (d) l-implimentazzjoni tal-azzjoni hija pprevenuta minn *force majeure* (ara l-Artikolu 51) jew sospiża mill-koordinatur (ara l-Artikolu 49.1) u jew:
  - (i) it-tkomplija mhijiex possibbli, jew inkella



H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

- (ii) il-bidliet meħtieġa għall-Ftehim iwasslu għal dubju dwar id-deċiżjoni li tingħata l-għotja jew jiksru l-prinċipju ta' trattament indaqs tal-applikanti;
- (e) benefiċjarju jiġi ddikjarat fallut, jiġi likwidat, ikollu l-affarijiet amministrati mill-qrati, ikun daħal f'arranġament mal-kredituri, ikun sospenda l-attivitajiet tan-negozju, jew huwa soġġett għal proċeduri oħra simili jew proċeduri taħt il-liġi nazzjonali;
- (f) benefiċjarju (jew persuna fiżika li għandha s-setgħa li tirrapreżentah jew tiegħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun nstab ħati ta' kondotta ħażina professjonali, ippruvata bi kwalunkwe mod;
- (g) benefiċjarju ma jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli fuq it-taxxi u s-sigurtà soċjali;
- (h) l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza xjentifika jew teknoloġika;
- (i) **[OPZJONI għal azzjonijiet konġunti (sejħa konġunta ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali):** l-azzjoni ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali (ara l-Artikolu 2) ma tkunx bdiel tad-data speċifikata fl-Anness 1. **[[OPZJONI: mhux applikabbli];**
- (j) **[OPZJONI għal azzjonijiet konġunti (sejħa konġunta ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali):** l-azzjoni ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali (ara l-Artikolu 2) hija tterminata jew ma tistax tibqa' tikkontribwixxi għall-azzjoni] **[[OPZJONI: mhux applikabbli];**
- (k) benefiċjarju (jew persuna fiżika li għandha s-setgħa li tirrapreżentah jew tiegħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun ikkommetta frodi, korruzzjoni, jew huwa involut f'organizzazzjoni kriminali, ħasil tal-flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffetta l-interessi finanzjarji tal-UE;
- (l) benefiċjarju (jew persuna fiżika li għandha s-setgħa li tirrapreżentah jew tiegħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun — fil-proċedura tal-għotja jew taħt il-Ftehim — ikkommetta:
  - (i) żbalji sostanzjali, irregolaritajiet, frodi jew
  - (ii) ksur serju tal-obbligi, inkluż l-implimentazzjoni mhux xierqa tal-azzjoni, sottomissjoni ta' informazzjoni falza, nuqqas li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, ksur tal-prinċipji etiċi;
- (m) benefiċjarju ikun ikkommetta — f'għotjiet oħra tal-UE jew tal-Euratom mogħtija lillu taħt kundizzjonijiet simili — żbalji sistematiċi jew rikorrenti, frodi jew ksur serju tal-obbligi li għandhom impatt materjali fuq din l-għotja ('**estensjoni tas-sejbiet minn għotjiet oħra għal din l-għotja**').

### 50.3.2 Proċedura

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Qabel ittemm il-Ftehim jew parteċipazzjoni ta' benefiċjarju wieħed jew iktar, il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* ser tinnotifika b'mod formali lill-koordinatur:

- biex tinformah dwar l-intenzjoni tagħha li ttemm u r-raġunijiet għal dan u
- tistiednu, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi n-notifika, jissottometti osservazzjonijiet u — fil-każ tal-Punt (l.ii) hawn fuq — jinforma lill- *[Kummissjoni][Aġenzija]* dwar il-miżuri biex jiżgura l-konformità mal-obbligi taħt il-Ftehim.

Jekk il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* ma tirċevix osservazzjonijiet jew tiddeċiedi li ssegwi l-proċedura irrispettivament mill-osservazzjonijiet li tkun irċeviet, din ser tinforma b'mod formali lill-koordinatur **konferma** tat-terminazzjoni u d-data li fiha ser tidħol fis-seħħ. Inkella, din ser tinnotifika b'mod formali li l-proċedura mhux ser titkompla.

It-terminazzjoni ser **tidhol fis-seħh**:

- għal terminazzjonijiet taħt il-Punti (b), (c), (e), (g), (h), (j), u (l.ii) hawn fuq: fil-jum speċifikat fin-notifika (ara hawn fuq);
- għal terminazzjonijiet taħt il-Punti (a), (d), (f), (i), (k), (l.i) u (m) hawn fuq: fil-jum wara li l-koordinatur ikun irċieva n-notifika.

### 50.3.3 Effetti

(a) għat-**terminazzjoni tal-Ftehim**:

Il-koordinatur — fi żmien 60 jum minn meta t-terminazzjoni tidħol fis-seħħ —, irid jissottometti r-rapport finali (ara l-Artikolu 20).

Jekk il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* ma tirċivix ir-rapport fi ħdan id-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ma tiġi rimborżata ebda spiża.

Il-*[Kummissjoni][Aġenzija]* ser tikkalkola l-ammont finali tal-għotja (ara l-Artikolu 5.3) u l-bilanċ (ara l-Artikolu 21), fuq il-bażi tar-rapport sottomess, l-ispejjeż eliġibbli u l-konformità ma' obbligi oħrajn skont il-Ftehim.

Dan ma jaffettwax id-dritt tal-*[Kummissjoni][Aġenzija]* li tnaqqas l-għotja (ara l-Artikolu 43) jew li timponi pieni amministrattivi u finanzjarji (ara l-Artikolu 53).

Il-benefiċjarju ma jistax jitlob id-danni minħabba terminazzjoni mill-*[Kummissjoni][Aġenzija]* (ara l-Artikolu 46).

Wara t-terminazzjoni, l-obbligi tal-benefiċjarji (b'mod partikolari l-Artikoli 20, 22, 23, Taqsima 3 tal-Kapitolu 4, 36, 37, 38 u 40) jibqgħu japplikaw.

(b) għat-**terminazzjoni tal-parteeipazzjoni ta' benefiċjarju wieħed jew iktar**:

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

Il-koordinatur — fi żmien 60 jum minn meta tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni — irid jissottometti:

- (i) rapport dwar id-distribuzzjoni tal-pagamenti lill-benefiċjarju kkonċernat;
- (ii) talba għal emenda (ara l-Artikolu 55), bi proposta għar-riallokazzjoni tal-kompiti u l-baġit stmat tal-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Annessi 1 u 2) u, jekk ikun hemm bżonn, iż-żieda ta' benefiċjarju ġdid jew benefiċjarji ġodda (ara l-Artikolu 56). Jekk it-terminazzjoni tiġi notifikata wara l-perjodu stipulat fl-Artikolu 3, ma trid tiġi sottomessa ebda talba għal emenda sakemm il-benefiċjarju kkonċernat ma jkunx il-koordinatur. F'dan il-każ, it-talba għal emenda trid tipproponi koordinatur ġdid, u
- (iii) jekk it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 3, **rapport ta' terminazzjoni** mill-benefiċjarju kkonċernat, għall-perjodu ta' rapportar miftuħ sat-terminazzjoni, li jkun fih ħarsa ġenerali lejn il-progress tax-xogħol, ħarsa ġenerali lejn l-użu tar-riżorsi, id-dikjarazzjoni finanzjarja individwali u, jekk applikabbli, iċ-ċertifikat fuq id-dikjarazzjoni finanzjarja (ara l-Artikolu 20).

L-informazzjoni fir-rapport ta' terminazzjoni trid tkun inkluża wkoll fir-rapport perjodiku għall-perjodu ta' rapportar li jmiss (ara l-Artikolu 20.3).

Jekk it-talba għal emenda hija rifjutata mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* għaliex tixħet dubju fuq id-deċizzjoni ta' għoti tal-għotja jew tikser il-prinċipju ta' trattament indaqs tal-applikanti, il-Ftehim jista' jiġi terminat skont l-Artikolu 50.3.1(c).

Jekk it-talba għal emenda tintlaqa' mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]*, il-Ftehim jiġi **emendat** biex jiddaħħlu l-bidliet meħtieġa (ara l-Artikolu 56).

Il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser **tikkalkola** — abbażi tar-rapporti perjodiċi, ir-rapport ta' terminazzjoni u r-rapport dwar it-tqassim tal-pagamenti — jekk il-pagamenti (ta' prefinanzjament u interim) riċevuti mill-benefiċjarju kkonċernat jaqbżux il-kontribuzzjoni mill-UE għall-benefiċjarju (ikkalkolata billi tiġi applikata r-rata/i ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji *[u l-Partijiet Terzi Konnessi miegħu]* u approvata mill-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]*). Huma biss l-ispejjeż imġarrbin mill-benefiċjarju kkonċernat sakemm tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni li huma eliġibbli (ara l-Artikolu 6). Spejjeż relatati ma' kuntratti li ser jiskadu biss wara t-terminazzjoni mhumiex eliġibbli.

Jekk il-pagamenti riċevuti **jaqbzū l-ammonti dovuti**:

- jekk it-terminazzjoni sseħħ matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 3 u t-talba għal emenda tintlaqa', il-benefiċjarju kkonċernat irid iħallas lura lill-koordinatur l-ammont eċċessiv riċevut. Il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser jinnotifikaw b'mod formali l-ammont eċċessiv riċevut u jitolbu lill-benefiċjarju kkonċernat iħallsu lura lill-koordinatur fi żmien 30 jum mir-riċevuta tan-notifika. Jekk ma jħallasx lura lill-koordinatur, il-*[Kummissjoni][l-Aġenzija]* ser tieħu mill-Fond

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

ta' Garanzija biex tħallas lill-koordinatur u mbagħad tinnotifika nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija lill-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 44);

- fil-każijiet kollha l-oħrajn (b'mod partikolari jekk terminazzjoni tidħol fis-seħħ wara l-perjodu stipulat fl-Artikolu 3), il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ser tinnotifika b'mod formali **nota ta' debitu** lill-benefiċjarju kkonċernat. Jekk il-pagament ma jsirx sad-data fin-nota ta' debitu, il-Fond ta' Garanzija ser iħallas lill-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] l-ammont dovut u l-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ser tinnotifika nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija lill-benefiċjarju kkonċernat (ara l-Artikolu 44);
- jekk il-benefiċjarju kkonċernat huwa l-eks koordinatur, irid iħallas lura lill-koordinatur il-ġdid li ta l-ammont eċċessiv riċevut, sakemm:
  - it-terminazzjoni ma tidħolx fis-seħħ wara pagament interim u
  - l-eks koordinatur ikun għadu ma qassamx l-ammonti riċevuti bħala pagamenti ta' prefinanzjament jew interim (ara l-Artikolu 21.7)

F'dan il-każ, il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ser tinnotifika b'mod formali **nota ta' debitu** lill-eks koordinatur. Jekk ma jsirx pagament sad-data fin-nota ta' debitu, il-Fond ta' Garanzija ser iħallas l-ammont dovut lill-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*]. Imbagħad, il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ser tħallas lill-koordinatur il-ġdid u tinnotifika nota ta' debitu f'isem il-Fond ta' Garanzija lill-eks koordinatur (ara l-Artikolu 44).

Jekk il-pagamenti riċevuti **ma jaqbżux l-ammonti dovuti**: amonti dovuti lill-benefiċjarju kkonċernat ser ikunu inklużi fil-pagament interim jew finali li jmiss.

Jekk il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ma tirċivix ir-rapport ta' terminazzjoni fi ħdan id-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni biss l-ispejjeż inklużi f'rapport perjodiku approvat.

Jekk il-[*Kummissjoni*][*l-Aġenzija*] ma tirċivix ir-rapport dwar id-distribuzzjoni tal-pagamenti fi ħdan id-data ta' skadenza (ara iktar 'il fuq), ser tqis li:

- il-koordinatur ma qassam ebda pagament lill-benefiċjarju kkonċernat u li
- il-benefiċjarju kkonċernat ma għandux irodd lura xi ammont lill-koordinatur.

Wara t-terminazzjoni, jibqgħu japplikaw l-obbligi tal-benefiċjarju kkonċernat (b'mod partikolari l-Artikoli 20, 22, 23, Taqsima 3 tal-Kapitolu 4, 36, 37, 38 u 40).

## **TAQSIMA 4 FORCE MAJEURE**

### **ARTIKOLU 51 — FORCE MAJEURE**

## 51.1 Force majeure

'Force majeure' tfisser kwalunkwe sitwazzjoni jew avveniment li:

- jipprevjenu lil parti milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim,
- kienu eċċezzjonali u imprevedibbli u mhux fil-kontroll tal-partijiet,
- ma kinux dovuti għal żball jew negliġenza min-naħa tagħhom (jew min-naħa ta' partijiet terzi involuti fl-azzjoni), u
- juru li kienu inevitabbli minkejja l-eżerċitar tad-diliġenza kollha dovuta.

Dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu invokati bħala force majeure:

- kwalunkwe nuqqas ta' servizz, difett fit-tagħmir jew fil-materjal jew dewmien sabiex dawn ikunu disponibbli, sakemm dawn ma jinbtux direttament minn każ rilevanti ta' force majeure,
- tilwimiet fuq ix-xogħol jew azzjonijiet industrijali, jew
- diffikultajiet finanzjarji.

Kwalunkwe sitwazzjoni li tikkostitwixxi force majeure għandha tiġi nnotifikata formalment lill-parti l-oħra mingħajr dewmien, fejn jiġu ddikjarati n-natura, it-tul probabbli u l-effetti prevedibbli.

Il-partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa minnufih sabiex jillimitaw kwalunkwe dannu kkawżat minn force majeure u jagħmlu hilitom sabiex ikomplu bl-implimentazzjoni tal-azzjoni mill-aktar fis possibbli.

Il-parti mwaqqfa minn force majeure milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim ma tistax titqies bħala li qiegħda tikser dawn l-obbligi.

## **KAPITOLU 7 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

### **ARTIKOLU 52 — IL-KOMUNIKAZZJONI BEJN IL-PARTIJIET**

#### **52.1 Il-forma u l-mezzi tal-komunikazzjoni**

Skont il-Ftehim, il-komunikazzjoni (informazzjoni, talbiet, sottomissjonijiet, 'notifiki formali', eċċ.) għandha:

- issir bil-miktub u
- ikollha n-numru tal-Ftehim.

**Sal-pagament tal-bilanċ:** il-komunikazzjoni kollha għandha ssir permezz tas-sistema ta' skambju elettroniku u bl-użu tal-formoli u l-mudelli pprovduti.

**Wara l-pagament tal-bilanċ:** in-notifiki formali għandhom isiru permezz ta' posta rreġistrata bi prova tal-kunsinna ('notifika formali fuq karta').

Il-komunikazzjonijiet fis-sistema ta' skambju elettroniku għandhom isiru minn persuni awtorizzati skont it-'Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Użu tas-sistema ta' skambju elettroniku'. Għall-elenkar tal-persuni awtorizzati, kull benefiċjarju għandu jkun innomina lill-*[Kummizzjoni][Aġenzija]* — qabel l-iffirmar ta' dan il-Ftehim — 'Rappreżentant Maħtur tal-Entità Legali (LEAR)'. Ir-rwol u l-kompiti tal-LEAR huma stipulati fl-ittra tal-ħatra tiegħu/tagħha (ara t-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Użu tas-sistema ta' skambju elettroniku).

Jekk is-sistema ta' skambju elettroniku tkun temporanjament indisponibbli, għandhom jingħataw struzzjonijiet fuq is-siti elettroniċi tal-*[Aġenzija][tal-Kummissjoni]*.

## 52.2 Id-data tal-komunikazzjoni

**Il-komunikazzjonijiet** jitqiesu bħala li saru meta jintbagħtu mill-parti mittenti (jiġifieri fid-data u l-ħin li jintbagħtu permezz tas-sistema ta' skambju elettroniku).

**In-notifiki formali** permezz tas-sistema ta' skambju **elettroniku** jitqiesu bħala li saru meta jiġu rċevuti mill-parti riċeventi (jiġifieri fid-data u l-ħin tal-aċċettazzjoni mill-parti riċeventi, kif indikat mill-kronogramma). Notifika formali li ma tkunx ġiet aċċettata fi żmien 10 ijiem wara li tintbagħat titqies bħala li ġiet aċċettata.

In-notifiki formali **fuq karta** mibgħuta permezz ta' **posta rreġistrata** bi prova tal-kunsinna (wara l-pagament tal-bilanċ biss) jitqiesu bħala li saru:

- fid-data tal-kunsinna rreġistrata permezz tas-servizz postali jew
- sad-data ta' skadenza għall-ġbir fl-uffiċċju postali.

Jekk is-sistema ta' skambju elettroniku tkun temporanjament indisponibbli, il-parti mittenti ma tistax titqies bħala li qiegħda tikser l-obbligi tagħha li tibgħat komunikazzjoni fi żmien stipulat.

## 52.3 Indirizzi għall-komunikazzjoni

L-aċċess għas-sistema ta' skambju **elettroniku** għandu jsir permezz tal-URL li ġej:

[daħħal il-URL]

L-*[Kummizzjoni][Aġenzija]* għandha tinnotifika formalment lill-koordinatur u l-benefiċjarji bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-URL.

Numru tal-Ftehim ta' għotja: [daħħal numru] [daħħal akronimu] [daħħal identifikatur tas-sejħa għas-sejħa prinċipali]

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

**In-notifiki formali fuq karta** (wara l-pagament tal-bilanċ biss) indirizzati **lill-[Kummissjoni]/[Aġenzija]** għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

[Il-Kummissjoni Ewropea][ l-isem tal-Aġenzija]  
[Id-Direttorat Ġenerali][Dipartiment] [isem sħiħ]  
[Id-Direttorat [isem sħiħ]]  
Unità [isem sħiħ]  
[Il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż]

In-notifiki formali fuq karta (wara l-pagament tal-bilanċ biss) indirizzati **lill-benefiċjarji** għandhom jintbagħtu fl-indirizz legali tagħhom kif speċifikat fir-Reġistru tal-Benefiċjarji (fis-sistema ta' skambju elettroniku).

## ARTIKOLU 53 — INTERPRETAZZJONI TAL-FTEHIM

### 53.1 Il-preċedenza tat-Termini u l-Kundizzjonijiet fuq l-Annessi

Id-dispożizzjonijiet stipulati fit-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu preċedenza fuq l-Annessi tiegħu.

Id-dispożizzjonijiet fl-Anness 2 jieħdu preċedenza fuq l-Anness 1.

### 53.2 Privileġġi u immunitajiet

**[OPZJONI għall-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha: F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li jista' jiġi interpretat bħala rinunzja ta' kwalunkwe privileġġi jew immunitajiet mogħtija lil [daħħal l-isem tal-organizzazzjoni(jiet) internazzjonali] mid-dokumenti kostitwenti tiegħu jew mil-liġi internazzjonali.]**

**[OPZJONI: mhux applikabbli]**

## **ARTIKOLU 54 — KALKOLU TAL-PERJODI, ID-DATI U L-ISKADENZI**

Skont ir-Regolament Nru. 1182/71<sup>11</sup>, il-perjodi espressi f'jiem, xhur jew snin jiġu kkalkolati mill-mument li jseħħ l-avveniment skattatur.

Il-jum li matulu jseħħ dak l-avveniment mhuwiex meqjus bħala li jaqa' fi ħdan il-perjodu.

## **ARTIKOLU 55 — EMENDI GĦALL-FTEHIM**

### **55.1 Kundizzjonijiet**

Il-Ftehim jista' jiġi emendat, sakemm l-emenda ma tkunx tinvolvi bidliet fil-Ftehim li jikkontestaw id-deċiżjoni li tingħata l-għotja jew li jiksru l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-applikanti.

Jistgħu jintalbu emendi minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.

### **55.2 Proċedura**

Il-parti li tagħmel talba għal emenda għandha tissottometti talba għal emenda ffirmata fis-sistema ta' skambju elettroniku (ara l-Artikolu 52).

Il-koordinatur jissottometti u jirċievi talbiet għal emenda f'isem il-benefiċjarji (ara l-Anness 3).

Jekk tintalab bidla tal-koordinatur mingħajr il-qbil tiegħu, is-sottomissjoni trid issir minn benefiċjarju ieħor (li jaġixxi f'isem il-benefiċjarji l-oħrajn).

It-talba għal emenda għandha tinkludi:

- ir-raġunijiet għaliex; u;
- id-dokumenti ta' appoġġ xierqa, u
- għal bidla tal-koordinatur mingħajr il-qbil tiegħu: l-opinjoni tal-koordinatur (jew prova li din l-opinjoni ntalbet bil-miktub).

Il-*[Kummizzjoni]*/*[Aġenzija]* tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

Jekk il-parti li tirċievi t-talba taqbel, hija għandha tiffirma l-emenda fis-sistema ta' skambju elettroniku fi żmien 45 jum minn meta tirċievi n-notifika (jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-*[Kummizzjoni]*/*[Aġenzija]*). Jekk ma taqbilx, hija għandha tinnotifika n-nuqqas ta' qbil tagħha formalment fl-istess perjodu ta' żmien. L-iskadenza tista' tiġi estiża, jekk ikun hemm bżonn għall-valutazzjoni tat-talba. Jekk ma tiġi rċevuta ebda notifika sa-ż-żmien stipulat, it-talba titqies bħala li ġiet irrifjutata.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru. 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).



Emenda **tidħol fis-seħħ** dakinhar li tiġi ffirmata mill-parti riċeventi.

Emenda **tidħol fis-seħħ** fid-data miftiehma mill-partijiet jew, fin-nuqqas ta' tali ftehim, fid-data li fiha tidħol fis-seħħ l-emenda.

## ARTIKOLU 56 — ADEŻJONI MAL-FTEHIM

### 56.1 Adeżjoni tal-benefiċjarji msemmijin fil-Preambolu

Il-benefiċjarji l-oħrajn iridu jaċċedu mal-Ftehim billi jiffirmaw il-Formola ta' Adeżjoni (ara l-Anness 3) fis-sistema ta' skambju elettroniku (ara l-Artikolu 52), fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ tiegħu (ara l-Artikolu 58).

*[OPZZJONI jekk japplika l-Artikolu 14 u ntalbet responsabbiltà konġunta u in solidum: Jekk il-[Kummissjoni][l-Aġenzija] talbet responsabbiltà konġunta u in solidum ta' parti terza konnessa, il-benefiċjarju li hija assoċjata miegħu jrid jissottometti wkoll — mal-adeżjoni — dikjarazzjoni fuq responsabbiltà konġunta u in solidum (ara l-Anness 3a) iffirmata minn parti terza.]*

Ser jassumu d-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim b'effett mid-data ta' dħul fis-seħħ tiegħu (ara l-Artikolu 58).

Jekk benefiċjarju ma jaċċedix mal-Ftehim fi ħdan id-data ta' skadenza msemmija hawn fuq, il-koordinatur — fi żmien 30 jum — irid jitlob emenda biex jagħmel kwalunkwe bidla meħtieġa biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tal-azzjoni. Dan ma jaffettwax id-dritt tal-[Kummissjoni][l-Aġenzija] li tittermina l-Ftehim (ara l-Artikolu 50).

### 56.2 Żieda ta' benefiċjarji ġodda

F'każijiet iġġustifikati, il-benefiċjarji jistgħu jitolbu ż-żieda ta' benefiċjarju ġdid.

Għal dan l-għan, il-koordinatur irid jissottometti talba għal emenda skont l-Artikolu 55. Irid jinkludi Formola ta' Adeżjoni (ara l-Anness 3) iffirmata mill-benefiċjarju l-ġdid fis-sistema ta' skambju elettroniku (ara l-Artikolu 52).

Il-benefiċjarji l-ġodda jridu jassumu d-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim b'effett mid-data tal-adeżjoni tagħhom speċifikata fil-Formola ta' Adeżjoni (ara l-Anness 3).

## ARTIKOLU 57 — IL-LIĠI APPLIKABBILI U S-SOLUZZJONI TAT-TILWIMIET

### 57.1 Il-liġi applikabbli

Il-Ftehim huwa rregolat mil-liġi tal-UE applikabbli, issupplimentata, jekk ikun hemm bżonn, mil-liġi tal-Belġju. *[OPZZJONI għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li ma jaċċettawx l-*

**applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni:** *ħlief għal [daħħal l-isem/ismijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati]*

**[OPZJONI għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jaċċettaw l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni iżda mhux il-liġi Belġjana:** *Għal [daħħal l-isem/ismijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati], il-Ftehim huwa rregolat mil-liġi tal-UE applikabbli, issupplimentata, jekk ikun hemm bżonn, mil-liġi ta' [daħħal l-isem ta' Stat Membru jew pajjiż tal-EFTA] [u, fejn xieraq, mir-regoli tal-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-liġi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mir-regoli tal-liġi internazzjonali ġenerali.]*

## 57.2 Soluzzjoni tat-tilwim

Jekk tilwima li tkun tikkonċerna l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew il-validità tal-Ftehim ma tkunx tista' tissolva b'mod amikevoli, il-Qorti Ġenerali — jew, f'każ ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea — ikollha l-ġurisdizzjoni waħdanija. Tali azzjonijiet għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

**[OPZJONI għall-benefiċjarji li mhumiex mill-UE (ħlief benefiċjarji stabbiliti f'pajjiż assoċjati bi ftehim ta' assoċjazzjoni għall-programm Orizzont 2020 li jistipula l-ġurisdizzjoni waħdanija tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja):** *Bħala eċċezzjoni, jekk tali tilwima tkun bejn l-[Aġenzija][tal-Kummissjoni] u [daħħal l-isem/ismijiet tal-benefiċjarju/i mhux mill-UE], il-ġurisdizzjoni waħdanija tkun f'idejn il-qrati Belġjani kompetenti.]*

Jekk tilwima tkun tikkonċerna t-tpaċija jew deċiżjoni infurzabbli skont l-Artikolu 299 tat-TFUE (ara l-Artikoli 44, 45 u 46), il-benefiċjarji għandhom jieħdu azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali — jew, f'każ ta' appell, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea — skont l-Artikolu 263 tat-TFUE.

**[OPZJONI għal benefiċjarji li huma organizzazzjonijiet internazzjonali u għal benefiċjarji li mhumiex qed jirċievu finanzjament mill-UE, stabbiliti f'pajjiż mhux fl-UE jew pajjiż assoċjati u li skont il-liġi nazzjonali tagħhom ma jistgħux ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja:** *Għall-benefiċjarji li ġejjin:*

- *[daħħal isem l-organizzazzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarju li mhuwiex qiegħed jirċievi finanzjament mill-UE]*
- *[daħħal isem l-organizzazzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarju li mhuwiex qiegħed jirċievi finanzjament mill-UE]*

*[l-istess għal benefiċjarji oħrajn li huma organizzazzjonijiet internazzjonali jew benefiċjarju li mhuwiex qiegħed jirċievi finanzjament mill-UE]*

tilwimiet mal-[Kummissjoni][l-Aġenzija] fir-rigward tal-Ftehim għandhom — jekk ma jkunux jistgħu jissolvew b'mod amikevoli — jiġu riferuti għal arbitraġġ.

Għandhom japplikaw ir-Regoli Fakultattivi tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ għal Arbitraġġ li Jinvolvi Stati u Organizzazzjonijiet Internazzjonali fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Numru tal-Ftehim ta' għotja: [daħħal numru] [daħħal akronimu] [daħħal identifikatur tas-sejħa għas-sejħa prinċipali]

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

*L-awtorità tal-ħatra sejra tkun is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ wara talba bil-miktub sottomessa minn waħda mill-partijiet.*

*Il-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom isiru fi Brussell u l-lingwa li tintuża fil-proċeduri tal-arbitraġġ għandha tkun l-Ingliż.*

*Id-deċiżjoni tal-arbitraġġ għandha torbot lill-partijiet kollha u ma tkunx soġġetta għal appell.]*

Numru tal-Ftehim ta' għotja: [daħħal numru] [daħħal akronimu] [daħħal identifikatur tas-sejħa għas-sejħa prinċipali]

H2020 Ftehim ta' Għotja tal-Ewwel Fażi tal-Istrument tal-SMEs (Ħafna benefiċjarji): Diċembru 2013

## ARTIKOLU 58 — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM

Il-Ftehim jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ffirmat mill-*[Kummizzjoni]*/*[Aġenzija]* jew mill-koordinatur, skont liema data tkun l-aktar tard.

### FIREM

Għall-koordinatur

Għall-*[Kummissjoni]*/*[Aġenzija]*

[funzjoni/ise/kunjom]  
[firma elettronika]

[ise/kunjom]  
[firma elettronika]

Magħmul bil-*[Malti]* nhar *[kronogramma elettronika]* Magħmul bil-*[Malti]* nhar  
*[kronogramma elettronika]*

 print format A4

## ANNEX MUDELL 2 GĦALL-ISTRUMENT GĦALL-SMEs PHASE 1

### STIMA TAL-BAĠIT GĦALL-AZZJONI

ANNEX 2

	Spejjeż eliġibbli* stmati (skont il-kategorija baġtarja)		Kontribuzzjoni tal-UE		
	A. Spejjeż tal-istudju tal-fattibbiltà/Spejjeż diretti u indiretti tal-azzjoni	Spejjeż totali	Rata ta' rimbors %	Kontribuzzjoni massima tal-UE**	Ammont massimu tal-għotja
<b>Forma tal-ispejjeż***</b>	<b>Somma f'daqqa</b>				
<b>Konsorzju</b>	50 000	71 429	70%	50 000	50 000

\* Ara l-Artikolu 6 għall-kundizzjonijiet biex l-ispejjeż ikunu eliġibbli

\*\*Dan huwa ammont teoretiku ta' kontribuzzjoni tal-UE jekk ir-rata tar-rimbors hija applikata għall-ispejjeż ibbaġitjati *kollha*. L-ammont teoretiku ta' kontribuzzjoni tal-UE għall-azzjoni huwa limitat mill-ammont massimu tal-għotja.

\*\*\*Ara l-Artikolu 5 għal form ta'spejjeż

## FORMOLA TA' ADEŻJONI GĦALL-BENEFIĊJARJI

[Isem uffiċjali sħiħ tal-benefiċjarju], [isem imqassar] [forma legali], [Nru ta' reġistrazzjoni uffiċjali], stabbilit fi [indirizz uffiċjali sħiħ] [numru tal-VAT], ('il-benefiċjarju'), rappreżentat għall-fini ta' ffirmar ta' din il-Formola ta' Adeżjoni minn [isem u kunjom, funzjoni],

### **bil-preżenti jaqbel**

li jsir benefiċjarju ('daħħal in-nru tal-benefiċjarju ..')

fil-Ftehim Nru [daħħal in-numru tal-ftehim] ('il-Ftehim')

**bejn** [isem uffiċjali sħiħ tal-koordinatur] **u** [l-Unjoni Ewropea ('l-UE', rappreżentanta mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') [il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ('Euratom'), rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni'),][[l-[Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)][Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)][Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)][Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)] ('l-Aġenzija'), bis-setgħa delegata mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni'),]

**għall-azzjoni bl-isem** [daħħal it-titlu tal-azzjoni (daħħal l-akronomu)].

### **u jagħti mandat**

**lill-koordinatur** sabiex jissottometti u jiffirma għan-nom tiegħu u f'ismu kwalunkwe **emenda** għall-Ftehim, skont l-Artikolu 55.

Billi jiffirma din il-Formola ta' Adeżjoni, il-benefiċjarju jaċċetta l-għotja u jaqbel li jimpimenta l-azzjoni skont il-Ftehim, bl-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha li jistipula.

### **FIRMA**

Għall-benefiċjarju  
[funzjoni/isem/kunjum]  
[firma elettronika]

Magħmul bil-[Malti] nhar [kronogramma elettronika]

[print format A4](#)

## ANNEX MUDELL 4 GĦALL-ISTRUMENT GĦALL-SMEs FAŻI 1

### DIKJARAZZJONI FINANZJARJA GĦALL-KONSORZJU [isem]

ANNEX 4

	Spejjeż * eliġibbli (skont il-kategorija baġitarja)		Kontribuzzjoni tal-UE		
	A. Spejjeż tal-istudju tal-fattibbiltà/Spejjeż diretti u indiretti tal-azzjoni	Spejjeż totali	Rata ta' rimbors %	Kontribuzzjoni massima tal-UE**	Ammont massimu tal-għotja
<b>Forma tal-ispejjeż***</b>	<b>Somma f'daqqa</b>				
<b>Konsorzju</b>	50 000	71 429	70%	50 000	50 000

#### Il-benefiċjarju/benefiċjarji b'dan jikkonfermaw li:

L-informazzjoni pprovduta hawn hija sħiħa, affidabbli u vera.

L-ispejjeż iddikjarati huma eliġibbli (i.e. li l-azzjoni għet implimentata kif xieraq; ara l-Artikolu 6).

L-ispejjeż (jiġifieri l-implimentazzjoni kif xieraq tal-azzjoni) jistgħu jiġu sostanzjati b'rekords adegwati u dokumentazzjoni ta' appoġġ li għandha tiġi prodotta fuq talba jew fil-kuntest ta' kontrolli, reviżjonijiet, verifiki u investigazzjonijiet (ara l-Artikoli 17, 18 u 22).

\* Ara l-Artikolu 6 għall-kundizzjonijiet biex l-ispejjeż ikunu eliġibbli

\*\*Dan huwa ammont teoretiku ta' kontribuzzjoni tal-UE jekk ir-rata tar-rimbors hija applikatagħall-ispejjeż ibbaġitjati *kollha*. L-ammont teoretiku ta' kontribuzzjoni tal-UE għall-azzjoni huwa limitat mill-ammont

\*\*\*Ara l-Artikolu 5 għal forom ta'spejjeż